Al contempo, attraverso l'incontro con i rappresentanti delle comunità musulmane, Lei ha rafforzato la pacifica convivenza nel nostro Paese, pronunciando parole molto chiare sul terrorismo attuale.

Lei ha trasmesso un incoraggiamento e una grande gioia anche a tutti coloro che, come fedeli cattolici, collaborano e svolgono impegni di responsabilità nei diversi ambiti della Chiesa. Ciò vale sia per i candidati al sacerdozio e per i religiosi, sia per tutti coloro che vivono secondo i consigli evangelici. Vale anche per i cattolici laici, impegnati nella ricca molteplicità delle loro attività di volontariato e professionali, e non ultimo anche per noi, che ci sappiamo uniti a Lei in modo speciale nel ministero episcopale. Le parole che il Signore ha rivolto a Pietro, e attraverso di lui anche a Lei, ovvero "conferma i tuoi fratelli" (*Lc* 22, 32), aleggiavano su tutti i discorsi che Lei ha tenuto con grande apertura, rivolgendosi alle singole persone con forza di orientamento e incoraggiando ad avere fiducia. Sono convinto che la comunione dei cattolici tedeschi con il Successore di Pietro sia stata così rafforzata in modo duraturo.

*Santo Padre,*

Poche ore fa abbiamo celebrato la conclusione di questa XX Giornata Mondiale della Gioventù con una grande Messa, che ha riunito oltre un milione di persone. Ancora una volta, per questo dono Le diciamo di cuore: che Dio la ricompensi! Ricordiamo con piacere anche la veglia di ieri sera. Ringraziamo, alla sua presenza, il nostro stimato Confratello, l'Arcivescovo di Colonia, Cardinale Joachim Meisner, tutti i collaboratori, in particolare il Segretario Generale, il prelato capitolare Heiner Koch, come tutti i religiosi e le religiose delle nostre diocesi e della Conferenza Episcopale Tedesca per questa grande avventura, della cui riuscita, con Lei, siamo grati di cuore. A questo proposito, Santo Padre, desidero menzionare con profonda gratitudine l'Eccellentissimo Nunzio Apostolico, Monsignor Erwin Josef Ender, e i suoi collaboratori.

Come pegno del nostro affetto, desideriamo farLe dono di una statua di san Bonifacio in abito da monaco per i suoi appartamenti. Siamo lieti di sapere che l'"Apostolo dei Tedeschi", che era anche un grande e sapiente missionario, ancora Le manca. È un simbolo particolarmente profondo dell'unità tra il Successore di Pietro e san Bonifacio, che ha fatto proprio della sua comunione con il Santo Padre il principale orientamento della sua attività ecclesiale. Desideriamo seguirlo in questo. Vorrei però fare notare che la statua che abbiamo davanti è di cera, poiché non è stato

possibile completare il lavoro adesso, durante le vacanze. La fonderia alla quale va il merito di questo lavoro si trova in Baviera, dove attualmente vi sono le vacanze. Tuttavia, quando verrò per il Sinodo dei Vescovi porterò la statua fusa in bronzo. Essa è opera dello scultore di Magonza Karlheinz Oswald, che lo scorso anno, in occasione del Giubileo, ha realizzato una scultura di san Bonifacio per il Duomo di Magonza grande il doppio di questa, rappresentandolo consapevolmente nelle vesti del monaco missionario inglese.

*Santo Padre,*

L'affetto e la gratitudine delle persone, che Lei ha potuto sperimentare durante la Giornata Mondiale della Gioventù di Colonia, rimarranno vivi anche dopo questo evento. Insieme con tutti i fedeli, l'accompagniamo con la preghiera nel suo servizio, ricco di responsabilità, per tutta la Chiesa, e ci sentiamo particolarmente legati a Lei in Gesù Cristo con speciale gratitudine e cordialità come nostro Confratello tedesco. Prima di lasciarLa partire, però, desideriamo invitarla di tutto cuore a visitare di nuovo il nostro Paese, e in particolare la Sua patria, indipendentemente dagli impegni che comporta una Giornata Mondiale della Gioventù. Già oggi, desideriamo invitarLa tutti insieme.

*Santo Padre,*

Ancora una volta, per tutto e a nome di tutti, Le dico un cordiale: "che Dio la ricompensi!". Le auguriamo la Benedizione di Dio sia per il suo ritorno a Roma, sia perché possa riposarsi un po' dalle fatiche di questi giorni. La preghiamo di salutare Suo fratello Georg, molto caro anche a noi. Gli auguriamo una buona convalescenza.

E ora Le chiediamo le Sue parole e la Sua Benedizione Apostolica per le persone nel nostro Paese, per la nostra Chiesa e anche per noi stessi.

**Piussaal del Seminario di Colonia**
**Domenica, 21 agosto 2005**

# STQARRIJA TA' L-ISQFIJIET MALTIN
## Il-ħarsien tal-ħajja tal-bniedem mill-bidu nett tagħha

Huwa dmir tagħna bħala nsara li nħossu għal min ikun jinsab f'xi hemm u li nfittxu li ngħinuh. Kif nafu, huwa fatt magħruf li f'kull soċjeta', anki fis-soċjeta' Maltija jeżistu koppji li għal raġuni jew oħra ma jistgħux ikollhom ulied, għad li jixtuquhom b'qalbhom kollha. Dan żgur li jikkaġunalhom ċertu niket. Jiġri wkoll, ħafna drabi, li koppji bħal dawn minħabba l-infertilita' tagħhom ikunu taħt stress psikoloġiku jew fiżiku.

Il-Knisja tħoss ħafna għall-koppji li, bla ebda tort tagħhom, ma jistgħux ikollhom ulied b'mod naturali. Tħoss u tbati magħhom.

Il-Knisja tisħaq li huwa dmir tas-soċjeta' li, bil-mezzi kollha leġittimi, tgħin lil dawn il-koppji li jħossuhom qishom tonqoshom xi ħaġa f'ħajjithom. Xi wħud minnhom forsi wkoll jaħsbu li għandhom 'dritt' għal tarbija, ċioe' il-'jedd' li jkollhom l-ulied. Madankollu, il-Knisja hija fid-dover li tfakkarna li l-ulied qatt ma huma 'dritt' għaliex kull persuna li titnissel hija don gratuwitu minn Alla.

Alla u Alla biss huwa sid il-ħajja u jagħti l-ħajja.

### Il-ġid l-aktar prezzjuż

Il-ħajja tal-bniedem hija dejjem ġid. Anzi, hija l-ġid l-aktar prezzjuż, għaliex il-ħajja hija l-fundament ta' kull ġid ieħor li l-bniedem jista' jgawdi fuq din l-art. Nistgħu nsemmu l-ġid ta' l-imħabba, tal-liberta', tas-saħħa, tal-paċi, tal-kultura u relazzjonijiet interpersonali, il-ġid ekonomiku, il-fidi u tant suriet ta' ġid ieħor.

Il-valur ta' ħajjet il-bniedem huwa uniku fil-kobor tiegħu. Jisboq il-kobor tal-ħajja ta' kull kreatura oħra. Il-ħajja li Alla jirregala lill-bniedem tixhed fid-dinja l-preżenza, il-kobor u l-glorja ta' Alla nnifsu. Dan il-kobor tal-ħajja tal-bniedem jista' jiġi magħruf bid-dawl tar-raġuni kemm minn dawk li jemmnu, kif ukoll minn dawk li ma jemmnux.

Dan il-valur prezzjuż tal-ħajja tal-bniedem jgħinna nippreċiżaw il-valur, il-kobor li għandna nagħtu, kif ukoll ir-responsabbilta' li għandu jkollna fil-preżenza tal-ħajja umana fil-bidu nett tagħha, u b'mod speċjali bil-metodu tal-prokreazzjoni medikament assistita.

Ħadd ma jista' jwarrab din ir-responsabbilta'. Huwa dover morali ta' kull wieħed minna li nilqgħu, inħarsu u nippromwovu l-ħajja umana. Mhix il-prerogattiva ta' xi persuna partikolari jew assoċjazzjonijiet jew istituzzjonijiet. Huwa wkoll dover ċivili. Kif kull wieħed minna huwa mistenni jikkontribwixxi għall-ġid komuni, hekk ukoll huwa mistenni jilqa', jħares u jippromwovi l-ħajja umana, peress li dan id-dmir jikkostitwixxi l-kundizzjoni bażika u li ħadd ma jista' jwarrabha, biex naħdmu għall-ġid komuni.

## Kulħadd irid iħares il-ħajja

Il-Knisja għandha d-dmir mill-Mulej Alla li taqdi l-bniedem sħiħ u taqdi kull bniedem. Għalhekk, il-Knisja trid timpenja ruħha li tħares u ġġib 'il quddiem, mill-mument tal-konċepiment sal-mewt, il-ħajja tal-bniedem li hija l-għajn u l-ġid fundamentali ta' kull ġid ieħor.

Jeħtieġ ukoll inżommu dejjem quddiem għajnejna li d-dmir li tħares u tippromwovi l-ħajja tal-bniedem mhux xi prerogattiva ta' l-insara biss; hija kwistjoni fiha nfisha wkoll umana għaliex tappartjeni u tappella għal kull kuxjenza umana li tħobb u tfittex il-verita' u taħdem għall-ġid tal-bniedem.

Il-Knisja ta' Kristu hi fid-dmir li tiddefendi l-ħajja tal-bniedem mill-konċepiment sal-mewt. Madankollu, dan il-fatt ma jnaqqasx u lanqas iħassar u jwarrab id-dover leġittimu ċivili u n-natura awtentikament lajka ta' l-impenn ta' kull min jinteressa ruħu u jikkontribwixxi għall-ordni morali fis-soċjeta'. Anzi kull liġi pożittiva hija fid-dmir li tagħraf u tiggarantixxi dawn id-drittijiet u doveri.

Li tiddefendi u tipproteġi l-ħajja tal-bniedem huma veri doveri morali u ċivili li ma tistax twarrabhom. Wieħed irid jikkura u jħares din il-ħajja mill-bidu tal-konċepiment u ta' l-ewwel żvilupp embrijonali tiegħu. Matul

dan iż-żmien, il-ħajja hija aktar debboli u tiddependi minn ħaddieħor, u għalhekk teħtieġ attenzjoni u premura akbar. Il-ħajja tal-bniedem, mill-bidunett tat-tnissil sal-mewt naturali tagħha, għandha titqies bħala ħaġa sagra u għandha d-dritt li tiġi mħarsa minn kulħadd. Minn hawn joħroġ ukoll id-dmir li l-embrijoni umani ma jistgħux jiġu manipulati u m'għandu jsir ebda intervent fuqhom li jista' jeqridhom jew jostakola l-iżvilupp naturali tagħhom.

Għalhekk, kull nuqqas ta' protezzjoni min-naħa tal-ġenituri u ta' attenzjoni min-naħa tat-tobba, kull nuqqas jew difett fil-ħarsien u protezzjoni soċjali u ġuridika jikkaġunaw ir-riskju ta' xi ħsara irreparabbli jew addirittura tal-qerda tal-ħajja tal-konċeput.

## Illeċita fiha nfisha

Dan ir-riskju l-lum qed jikber dejjem iżjed bl-użu tal-fekondazzjoni in vitro jew artifiċjali. Din hija waħda mis-suriet tal-prokreazzjoni medikament assitita. Fl-Istruzzjoni tal-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi, tat-22 ta' Frar 1987, dwar "Ir-rispett tal-ħajja umana fil-bidu tagħha u fuq id-dinjita' tat-tnissil" jingħad li l-Knisja, mill-aspett morali topponi l-fertilizazzjoni in vitro: "Din il-fertilizazzjoni hija illeċita fiha nfisha u tmur kontra d-dinjita' tal-prokreazzjoni u ta' l-unjoni konjugali, anke meta jsir minn kollox biex tiġi evitata l-mewt ta' l-embrijoni umani."

Il-Knisja mhix kompitu tagħha tidħol f'diskussjonijiet xjentifiċi dwar id-diversi fażijiet ta' l-iżvilupp ta' l-embrijoni. Madankollu, mill-aspett morali l-ovulu fekondat, mill-mument tal-penetrazzjoni ta' l-ispermatozoo, għandu jiġi rispettat u trattat bħala persuna umana.

✠Ġużeppi Mercieca,
Arċisqof ta' Malta

✠Annetto Depasquale,
Isqof Awżiljarju ta' Malta

✠Nikol Ġ. Cauchi,
Isqof ta' Għawdex

**1 ta' Lulju 2005**

# JUM IL-PULIZIJA 2005

*Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Mercieca*

## Pulizija b'livelli morali għoljin

Wieħed jinnota li ma' kull sena li tgħaddi, ix-xogħol ta' servizz u ta' ħarsien li għandkom intom il-pulizija, hu x'inhu l-grad tagħkom, qed jieħu dimensjoni dejjem akbar u jsir dejjem iżjed impenjattiv.

Id-diffikultajiet u l-isfidi li jkollkom tħabbtu wiċċkom magħhom fit-tħabrik tagħkom biex taraw li l-liġijiet jiġu osservati u biex tipproteġu lis-soċjeta', speċjalment lil dawk l-iktar vulnerabbli, huma ħafna u kumplikati.

Għaldaqstant, hija ħaġa sabiħa li, fl-okkażjoni ta' l-anniversarju tal-Korp tal-Pulizija, intom tinġabru quddiem il-Mulej biex troddulu ħajr għall-għajnuna li jagħtikom fil-qadi ta' dmirijietkom u wkoll biex titolbuh ikompli jiggwidakom u jgħinkom fix-xogħol tagħkom.

Din hija ħaġa li jiena napprezzaha u ninkuraġġikom ħafna fiha. Fl-istess ħin, nixtieq li dan il-kuntatt mal-Mulej permezz tat-talb ikun kuntatt ħaj u kontinwu s-sena kollha.

Meta aħna nagħarfu nżommu dejjem lil Alla f'ħajjitna, jiswielna tajjeb żgur.

### Il-ħajja spiritwali

Il-bniedem ma jgħixx biss bil-ħobż. Il-bniedem għandu bżonn ħafna s-sens u l-preżenza ta' Alla fil-ħajja tiegħu. Għalhekk, huwa importanti ħafna li, kull wieħed u waħda minna nagħarfu l-ħtieġa li ngħixu ħajja spiritwali tajba. Il-ħajja spiritwali tgħinna nikkonsolidaw il-fidi Nisranija u naraw il-ħajja professjonali u r-responsabbiltajiet familjari fid-dawl tal-messaġġ ta' mħabba għal Alla u għall-proxxmu, li jagħtina l-Vanġelu.

Dan hu meħtieġ il-lum iżjed mill-bieraħ, għaliex qed ngħixu fi żminijiet ta' stili ta' ħajja li jagħtu l-ġenb lil Alla; żminijiet li fihom qed jaħkem dejjem iżjed riħ qawwi ta' egoiżmu li jġiegħlna nħossu li l-kejl ta' x'inhu tajjeb jew ħażin huwa dak li jaqbel lili skond iċ-ċirkustanzi tal-post u ż-żmien, mingħajr ebda riferenza għal Alla u r-rieda tiegħu.

Meta intom iżżommu lil Alla f'ħajjitkom dan żgur jgħinkom taqdu dmirkom sewwa.

Ir-rwol tagħkom jinħtieġ maturita' umana soda li tgħinkom tgħaqqdu s-sodizza li jitlob, minnu nnifsu, ix-xogħol tagħkom, ma' kunsiderazzjoni xierqa għall-persuni u għad-dinjita' tal-bniedem. Fl-istess ħin, dak li intom tinħtieġu l-iżjed hija l-qawwa interna li l-bniedem jikseb permezz tat-talb, jiġifieri minn għaqda intima mal-Mulej f'kull sitwazzjoni tal-ħajja, inkluża l-ħidma ta' kuljum.

Il-Mulej jgħinkom iżżommu dejjem quddiem għajnejkom li l-bażi ta' kull etika ċivili u professjonali u tat-taħriġ dwarhom irid ikun il-valur primarju tal-persuna umana. Jgħinkom ukoll tkabbru ġewwa fikom għożża tal-promozzjoni awtentika tal-ġustizzja, jiġifieri li timxu dejjem dritt u sewwa, ikun x'ikun il-każ u jkun min ikun involut.

Is-servizz tagħkom jinħtieġ l-appoġġ ta' sens profond tad-dinjita' unika ta' kull bniedem, hu min hu. Il-valur speċjali ta' kull persuna jista' jiġu mifhum bis-sħiħ biss jekk kull bniedem jiġi aċċettat bħala xbieha ta' Alla nnifsu.

Nitlob 'l Alla jgħinkom biex ix-xogħol tagħkom, li jġibkom wiċċ imb'wiċċ ma' dak li hu ikraħ fin-natura umana, ma jfixkilkomx milli taqdu tajjeb u b'entusjażmu l-impenn għall-armonija ċivili u l-ogħla ġid tas-soċjeta', u li tagħmlu dan b'sensittivita' Nisranija.

## Il-ġebla tax-xewka

Naħseb li nistgħu ngħidu li l-ġebla tax-xewka tas-servizz tagħkom, bħala pulizija, lill-komunita', trid tkun il-kapaċita' tagħkom li tħaddnu, tgħixu u tixhdu, f'kull waqt u f'kull mument, livelli morali għoljin.

Iktar ma tkunu b'saħħitkom f'dawk li huma għożża u għajxien ta' livelli morali għoljin, individwalment u bħala korp, iktar tkunu f'qagħda li tħaddnu s-sens ta' integrita', dixxiplina, sagrifiċċju personali u għożża ġenwina għall-ġid komuni li jitlob minnkom is-servizz pubbliku li qed tagħtu.

Dan jeħtieġ ngħiduh u ntennuh għaliex ix-xogħol tagħkom mhuwiex xogħol bħal kull xogħol ieħor. Huwa xogħol ta' qadi li r-riżultati tiegħu jiddependu ħafna minn kemm kull membru tal-korp jagħraf li dak li jagħmel jew ma jagħmilx, inkella l-mod kif jagħmlu, jista' jkollu effetti infeliċi nkluż għall-fama ta' l-istess korp mal-komunita'.

Kull pulizija jrid iżomm f'moħħu li l-fiduċja tal-komunita' fil-korp tal-pulizija tikber u tissaħħaħ daqskemm kull membru tal-korp jistinka biex jaqdi dmiru u jaqdih tajjeb, mingħajr ħarsien lejn uċuh, speċjalment meta fin-nofs ikun hemm il-ħarsien tal-ħajja, tas-saħħa u tad-drittijiet naturali tal-bniedem.

## Apprezzament u ħajr

Il-poplu tagħna japprezza ħafna x-xogħol tal-pulizija li, spiss b'ħafna sagrifiċċji personali, tridu tistinkaw bis-sħiħ biex taraw li jiġu mħarsin l-ordni u s-sigurta'.

Għal dan is-servizz, il-poplu tagħna jrodd ħajr mhux biss lill-pulizija nfuskom, imma wkoll lill-familji tagħkom li, ħafna drabi, jkollhom jagħmlu ħafna sagrifiċċji huma wkoll.

Nitlob li l-grazzja u s-sliem tal-Mulej Ġesu' jkunu dejjem magħkom!

Jalla intom u l-familji tagħkom ikollkom il-barka abbundanti tal-Mulej, li minnha nfisha hija garanzija ta' qawwa u ferħ Nisrani.

**Quddiesa fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija**
**Floriana**
**12 ta' Lulju 2005**

ITTRA PASTORALI
minn Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta
u Mons Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex
fl-okkażjoni tal-Festa ta' Marija Mtellgħa s-Sema - 2005

# L-ULIED HUMA L-OGĦLA ĠID

Maħbubin Uliedna,

Iċ-ċelebrazzjoni tal-Festa tat-Tlugħ ta' Marija fis-Sema taħbat fi żmien meta ħafna mill-familji tagħna jirnexxilhom jiddedikaw għalihom infushom perijodu partikolari li fih jieqfu mir-rutina tax-xogħol biex jistrieħu, jifirħu u jikbru flimkien.

Dan hu sabiħ. Il-ġid u l-hena li jnisslu esperjenzi bħal dawn, speċjalment fejn ikun hemm it-tfal żgħar, hija waħda mill-iktar esperjenzi sbieħ fil-ħajja tal-bniedem.

Din hija esperjenza li minnha nfisha tfakkarna kemm huma importanti u essenzjali l-imħabba u l-għaqda fi ħdan il-familja.

Il-familja tkun tassew kif iridha l-Mulej meta dawk kollha li jiffurmawha jkollhom dejjem l-imħabba u l-għaqda. L-imħabba u l-għaqda tal-missier u ta' l-omm, waqt li huma indirizzati lejn xulxin, fihom xebh meraviljuż ma' l-imħabba u l-għaqda li hemm f'Alla: xebh li jagħmel il-familja komunita' ta' ħajja umana u komunita' ta' persuni magħqudin fl-imħabba.

## Realtajiet ta' żmienna

Żmienna hu żmien li fih il-familja qed issibha dejjem iżjed diffiċli li tgħix tassew bħala familja. Għandna familji li huma kapaċi jieqfu sodi quddiem ċerti fenomeni negattivi. Għall-grazzja ta' Alla, il-familja Maltija b'mod ġenerali għad għandha l-karatteristiċi sbieħ tagħha. Imma sitwazzjonijiet ta' uġigħ tal-qalb għandna wkoll.

Il-problemi huma diversi. Qed ngħixu dejjem aktar, fost oħrajn, realtajiet ta' tfal li jitwieldu barra miż-żwieġ; każi ta' separazzjonijiet fejn l-ulied jispiċċaw jitrabbew minn ċkunithom minn ġenitur wieħed; tfal imfarfrin li meta jirritornaw lura mill-iskola ma jsibu lil ħadd mill-ġenituri d-dar.

Ikollna nistqarru, b'dispjaċir kbir, li ċerti rjieħ ta' tibdil li qed jonfħu fuq il-familja Maltija qed iħallu l-ħsara warajhom. Ċerti mentalitajiet li sabu ħafna riħ fil-qala fostna, speċjalment permezz ta' ċerti oqsma tal-mass media, qed inawru kemm jifilħu s-saħħa morali tal-familja Maltija.

Dawn huma rjieħ li ħafna drabi jsibu l-qawwa tagħhom fid-dgħufija umana quddiem il-ġibda tal-bniedem li jagħmel dak li jrid u li jogħġbu fil-mument li jkun qed jgħix, mingħajr ma jqis ir-rieda tal-Mulej li, ta' spiss titlob mill-bniedem is-sagrifiċċju, għall-ġid tal-bniedem stess.

## Ftit mistoqsijiet

Kulħadd jaqbel li l-ulied jiġu l-ewwel. Kulħadd jistqarr li l-ġenituri b'mod ġenerali jkunu lesti jagħmlu kull ma jistgħu għal uliedhom. Imma kemm għadu dejjem veru dan?

Jekk hu veru li l-ulied jiġu l-ewwel u li għalihom il-ġenituri lesti jagħmlu kull ma jistgħu, għaliex għandna tant tfal imċaħħdin minn trobbija ta' l-omm u l-missier flimkien, speċjalment meta l-ulied ikunu għadhom ċkejknin?

Għaliex għandna tant tfal neqsin mill-kura u l-attenzjoni f'waqtha jew sħiħa li għandhom dritt għaliha mingħand l-omm bħala omm u mingħand il-missier bħala missier, skond il-komplimentarjeta' li titlob maternita' u paternita' responsabbli?

Għaliex għandna tant tfal żgħar li fit-trobbija tagħhom iqattgħu ħinijiet twal man-nanniet jew f'xi ċentru għat-tfal, flok mal-ġenituri tagħhom?

Għaliex għandna tant tfal li l-formazzjoni tagħhom iktar jeħduha mit-televiżjoni, mill-Internet, mid-DVDs etc, milli mill-omm u l-missier flimkien?

Il-Knisja tieħu gost tara lin-nies, kemm nisa u kemm irġiel, javvanzaw u jissaħħu fit-tħejjija akkademika tagħhom u fil-karrieri. Tieħu gost tara n-nisa jsibu dejjem iżjed il-post li jixirqilhom fis-soċjeta'. M'hemm xejn ħażin f'dan, anzi hemm biss tajjeb. Fl-istess ħin, pero', il-prijoritajiet tagħna rridu nżommuhom f'posthom. Il-prijoritajiet tagħna ma jistgħux ikunu qishom qasba tixxejjer mar-riħ. Iridu jkunu dejjem ċari u sodi, skond l-istat u r-responsabbiltajiet tagħna, iżjed u iżjed fejn ikun hemm l-ulied żgħar.

## L-għożża ta' l-ulied

L-ulied huma l-ikbar teżor, l-akbar ġid, l-iktar ħaġa prezzjuża u għażiża, li jista' jkollhom il-ġenituri.

Il-ġenituri li għalihom uliedhom tassew jiġu l-ewwel jafu li dan jitlob minnhom impenn u kuraġġ biex ma jkun qatt li s-sisien ta' l-imħabba u l-għaqda fil-familja tagħhom jitnawru u jċedu.

Il-ġenituri li għalihom uliedhom jiġu l-ewwel jafu li l-ulied għandhom valur ferm ogħla mill-flus, il-karrieri, l-aptiti egoistiċi, id-daqs tad-dar u l-kumditajiet ta' ġewwa fiha, u l-ħwejjeġ materjali kollha li l-ġenituri, separatament jew flimkien, jista' jkollhom.

Il-ġenituri li għalihom l-ulied jiġu l-ewwel jafu li l-ulied għandhom dritt li, fit-trobbija, l-edukazzjoni u l-formazzjoni tagħhom, speċjalment meta jkunu għadhom ċkejknin, ikun hemm, bid-dedikazzjoni u l-impenn kollu meħtieġa, ommhom u missierhom flimkien.

Il-ġenituri, it-tnejn li huma, għandhom dmirijiet speċifiċi x'jaqdu lejn uliedhom. Il-preżenza ta' l-omm u l-missier fit-trobbija tat-tfal ikollha influwenza enormi fuq l-iżvilupp emozzjonali tat-tfal, il-formazzjoni tal-karattru tagħhom, is-sens ta' Alla f'ħajjithom, il-ħtieġa tad-dixxiplina fil-ħajja tal-bniedem, l-imħabba tal-proxxmu, il-kapaċita' li jagħrfu dak li jagħmlilhom il-ġid minn dak li jagħmlilhom il-ħsara, l-għażla bejn dak li għandu valur u dak li m'għandux, il-possibbilta' li l-ulied jgħixu u jgawdu tassew tfulithom, u tant ħwejjeġ oħrajn.

Ħadd u xejn ma jista' jieħu post il-ġenituri f'dawn id-dmirijiet sagrosanti tagħhom. Dan għaliex meta jsiru ġenituri, l-omm u l-missier jirċievu mingħand Alla d-don ta' responsabbilta' ġdida u l-għajnuna biex jgħixuha. L-imħabba tagħhom bħala ġenituri jeħtieg li tkun għall-ulied sinjal li jidher ta' l-istess imħabba ta' Alla.

## Valuri imprezzabbli

Bħala bnedmin, l-ulied għandhom valur imprezzabbli u jridu jiġu megħjuna jikbru f'individwi kapaċi jiddeċiedu b'responsabbilta' għalihom infushom.

L-ulied iridu jiġu megħjuna jagħrfu u jwettqu dak li Alla jrid minnhom f'ħajjithom, skond it-talenti li jagħtihom il-Mulej. Ħadd m'għandu jippretendi li l-ulied jagħmlu bilfors l-għażliet li jrid hu, flok dak li huma, mal-pass taż-żmien, iħossu li huma msejħin għalih. Il-formazzjoni ta' l-ulied trid tkun mhux biss bil-kliem u bit-twissijiet, imma fuq kollox bl-eżempju tajjeb u bix-xiehda nisranija tal-kbar.

Fir-rwol tagħhom ta' edukaturi, il-ġenituri nsara ma jistgħux jiddelegaw kollox lill-oħrajn, bħalma huma l-għalliema u l-katekisti, iżda ħafna mill-ħidma edukattiva u ta' formazzjoni jeħtieġ li jagħmluha huma personalment u bil-koperazzjoni ta' bejniethom.

Irridu nżommu dejjem quddiem għajnejna wkoll, li l-ulied huma persuni maħluqin minn Alla u mifdijin minn Kristu, li għandhom vokazzjoni għall-ħajja ta' l-hena ta' dejjem. L-ulied għandhom dritt għal edukazzjoni integrali li trid tieħu ħsieb ukoll il-formazzjoni spiritwali u reliġjuża tagħhom, ħaġa li tippreżenta l-ħtieġa u l-frekwenza tas-sagramenti u l-katekiżmu.

## Soċjeta' li tħares fil-bogħod

Soċjeta' li tħares fil-bogħod tħabrek biex tgħin il-ġenituri jifhmu u jgħixu kif imiss ir-responsabbiltajiet tagħhom lejn xulxin u lejn uliedhom.

Soċjeta' li tħares fil-bogħod taf li l-ebda stil ta' ħajja, l-ebda ġid materjali, l-ebda progress ekonomiku ma jisboq il-ġid li jfissru familji magħġunin tassew fl-imħabba u l-għaqda fejn l-ulied, iċ-ċittadini ta' għada, jirċievu trobbija u formazzjoni tajba, soda u sħiħa quddiemnett mill-omm u l-missier skond is-sejħa naturali u komplimentari tagħhom.

Soċjeta' li tħares fil-bogħod tħabrek biex il-liġijiet u l-istituzzjonijiet tal-pajjiż isostnu u jiddefendu bil-qawwa kollha d-drittijiet u d-dmirijiet tal-familja. Fl-istess ħin, hija toqgħod attenta li ma tkunx hi stess li tiżra' mentalitajiet, drawwiet jew ċirkustanzi li jfixklu flok jgħinu lill-ġenituri fl-għarfien tal-prijoritajiet u t-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħhom lejn uliedhom, speċjalment dawk żgħar.

Il-ġid tal-familja hu valur li s-soċjeta' ma tistax tgħaddi mingħajru u ma tistax tiċħdu. L-istorja tgħallimna li kull fejn iddgħajfet il-familja, iġġarraf il-pajjiż. Għaldaqstant, kull awtorita' ċivili trid tagħmel kull ma tista' biex tiżgura lill-familji kull għajnuna ekonomika, soċjali, edukattiva, politika u kulturali li l-familji jinħtieġu, skond iċ-ċirkustanzi tal-post u ż-żmien, biex il-familji jkunu jistgħu jaqdu r-responsabbiltajiet kollha tagħhom kif imiss u b'mod li jixraq lill-bniedem.

Aħna l-Isqfijiet, nistiednu lill-membri kollha tal-Knisja f'dawn il-gżejjer biex jitolbu 'l Alla, bl-interċessjoni ta' Ommna Marija, biex il-familja Maltija tagħraf tgħix kif imiss ir-responsabbiltajiet tagħha lejn l-ulied, u biex l-Istat jagħmel kull ma jista' ħalli jgħin lill-ġenituri jżommu dejjem lil uliedhom fl-ogħla post.

L-ogħla ġid ta' kull familja u ta' kull soċjeta' huma u jibqgħu l-ulied.

Nirrikmandaw lill-ġenituri Kattoliċi ta' pajjiżna sabiex jimpenjaw ruħhom ħalli jnisslu u jrawmu f'uliedhom devozzjoni ġenwina lejn l-Imqaddsa Verġni Marija, l-Omm tagħna lkoll tas-Sema, li ma teħda qatt tistedinna biex nagħmlu dak li jgħidilna l-Iben Divin tagħha.

Nagħtukom il-barka pastorali tagħna b'rahan ta' kull ġid mis-sema.

**Il-lum, 10 ta' Awissu 2005,**
**Festa ta' San Lawrenz.**

✠ Ġużeppi Mercieca,
Arċisqof ta' Malta

✠ Nikol Ġ. Cauchi,
Isqof ta' Għawdex

Rev. Joe Magro
Segretarju

---

# JUM L-INDIPENDENZA 2005
# MESSAĠĠ TA'
# MONS. ARĊISQOF ĠUŻEPPI MERCIECA

---

## Id-dinjita' u l-integrita' tal-ħajja umana

Jum l-Indipendenza huwa qabel kollox jum ta' radd il-ħajr lill-Mulej; huwa jum ta' importanza kbira għal pajjiżna u għall-Maltin kollha, ninsabu fejn ninsabu. Huwa wkoll jum li jfakkarna fir-responsabbilta' tagħna lkoll, kulħadd skond ir-rwol tiegħu fis-soċjeta', li naħdmu għall-ġid komuni ta' pajjiżna.

Huwa jum ta' radd il-ħajr lill-Mulej. Huwa xieraq li ningħaqdu flimkien u nirringrazzjawh talli matul il-ħafna ġrajjiet ta' ġensna, il-Mulej kien dejjem magħna, speċjalment fi żminijiet ta' taqtigħ il-qalb u ta' prova kbira. Nitolbuh ukoll jgħinna nagħrfu u nwettqu dak li hu ta' l-aħjar ġid biex il-poplu tagħna jkompli miexi 'l quddiem f'rispett sħiħ lejn il-liġijiet ta' Alla għall-ġid tagħna l-bnedmin.

### Leħen Malta fid-dinja

Aħna lkoll għandna biex nifirħu u nħossuna kburin talli bħala poplu wasalna fejn aħna l-lum; sirna, bħala poplu, rajna f'idejna; dan hu fatt li tana, fost ħwejjeġ oħrajn, leħen fil-qasam internazzjonali.

Dan irid ikun leħen li jġiegħlna nistqarru u nwettqu pubblikament dak li aħna, bħala nsara u ċittadini Maltin, nemmnu fih u dak li rridu ngħaddu lil uliedna fil-kamp kemm spiritwali kif ukoll kulturali.

F'dan il-kuntest, jiena ma nistax ma nifraħx u ma nirringrazzjax lir-rappreżentanti tal-poplu tagħna, huma min huma u tkun xi tkun l-okkażjoni, għal kull meta jkunu minn ta' quddiem biex b'leħen ċar u sod jiddefendu l-valur tal-ħajja tal-bniedem mill-konċepiment sal-mewt naturali tagħha.

F'dinja fejn ir-rispett lejn il-ħajja kull ma jmur qed jiġi manipulat, meta wkoll mhux miċħud, bil-konsegwenza li wkoll l-abort qed jiġi dejjem aktar faċilitat, ikun dejjem ta' ġieħ għalina u għal pajjiżna meta r-rappreżentanti tal-poplu tagħna jitkellmu b'kuraġġ favur il-ħajja u kontra l-qerda tagħha.

Wieħed jisma' b'ferħ u sodisfazzjon kbir li qed jiġi propost ukoll li d-determinazzjoni Maltija favur il-ħajja u kontra l-abort tiġi siġillata billi r-rifjut ta' l-abort jitnaqqax fil-Kostituzzjoni ta' pajjiżna.

Dan hu mpenn li jsib għeruqu fl-għarfien Nisrani tagħna li s-sid tal-ħajja huwa Alla u ħadd ħliefu.

## Il-bidu tal-ħajja umana

Nixtieq u nispera li dan l-impenn favur il-ħajja jinżamm ukoll fid-diskussjonijiet li bħalissa għaddejjin fostna dwar il-mument li fih nistgħu ngħidu li tkun bdiet il-ħajja tal-bniedem. Din hija diskussjoni importanti ħafna, għaliex minnha jiddependi x'sens ta' direzzjoni se jieħu pajjiżna dwar il-prokreazzjoni assistita.

Il-ħarsien u l-promozzjoni tal-ħajja umana mhumiex prerogattiva biss ta' l-Insara; hija kwistjoni għal kollox umana għaliex dan il-ħarsien u din il-promozzjoni jinteressaw il-kuxjenza umana li tfittex b'ħerqa l-verita' u hija mħassba dwar dak li għaddejja minnu l-umanita'.

Dwar il-mument li fih nistgħu ngħidu li tkun bdiet il-ħajja tal-bniedem, insibu li hemm qasma:

Hawn min isostni, bħalma hi l-Knisja Kattolika, li l-bniedem jibda l-ħajja tiegħu preċiżament mill-mument tal-konċepiment tiegħu; jiġifieri mill-mument tal-penetrazzjoni ta' l-ispermatozoo fl-ovulu. Dan hu l-mument tal-bidu tal-fertilizazzjoni. Minn dan il-mument, l-embrijun għandu jiġi trattat u rispettat bħala persuna umana, li jiżviluppa lilu nnifsu waħdu. Meta nżommu dan quddiem għajnejna nifhmu li ħadd m'għandu dritt li f'xi ħin jew b'xi mod ibagħbas f'dan il-proċess naturali u irriversibbli li jagħti bidu għal ħajja umana.

Hawn oħrajn li jsostnu li l-bniedem jibda l-ħajja tiegħu mhux minn xi mument partikolari għaliex il-fertilizazzjoni hija proċess li jieħu xi żmien. Għalhekk, il-konċepiment tal-ħajja tal-bniedem huwa t-tmiem tal-proċess tal-fertilizazzjoni. Il-bidu tal-proċess huwa l-penetrazzjoni tal-bajda filwaqt li t-tmiem tiegħu huwa l-fużjoni tan-nukleji taż-żewġ gamete. Din it-teorija "gradwalista" li tinsab fir-rapport ta' Warnock twassal biex wieħed jgħid li r-rispett dovut lejn l-esseri uman ivarja skond f'liema stadju tal-ħajja jkun tpoġġa l-istatus morali tiegħu.

Dawn huma diskussjonijiet serji li għadhom sejrin. Madankollu, mhux kompitu tal-Knisja li tidħol f'diskussjonijiet xjentifiċi dwar id-diversi fażijiet ta' l-iżvilupp ta' l-embrijun. Mill-banda l-oħra, pero', huwa dmir tal-Knisja li tgħallem li l-IVF huwa metodu fih innifsu illeċitu. B'dan il-metodu jkun hemm ħajjiet umani li jmutu ftit wara li jitnisslu. It-tieni, il-prokreazzjoni responsabbli, li titlob li ssir fl-ambjent xieraq taż-żwieġ u l-unita' indissolubbli tiegħu, tiġi sostitwita minn teknikalitajiet li jieħdu post ir-relazzjoni konjugali.

## Prinċipju etiku importanti

F'din is-sitwazzjoni, il-Knisja Kattolika tgħallem u ssostni li mhuwiex u ma jistax ikun moralment aċċettabbli l-argument li l-ħajja umana tibda mill-mument li fih jintemm il-proċess tal-fertilizazzjoni ta' l-ova. Mill-aspett morali, l-ovulu fekondat, mill-mument tal-fertilizazzjoni, għandu jiġi rispettat u trattat bħala persuna umana.

Dan it-tagħlim tal-Knisja huwa sostnut minn prinċipju etikament importanti li jiddikjara li fil-każ li jqumu dubji dwar l-eżistenza tal-karattru verament uman ta' l-embrijun, quddiem id-dubji u quddiem anke

l-possibbilta' serja li wieħed ikun wiċċ imb'wiċċ ma' individwu uman li għandu d-dinjita' ta' persuna, wieħed huwa moralment obbligat li ma jagħmel ebda intervent li jista' jagħmel ħsara jew jeqred din il-persuna.

Dan il-prinċipju morali jobbliga lil kulħadd. Jgħodd, quddiemnett, għal-leġiżlaturi u l-esperti mediċi meta jiġu biex jieħdu deċiżjonijiet li jistgħu jkunu jħollu u jorbtu biex il-ħajja tal-bniedem tigi rispettata kif imiss, fid-drittijiet u d-dinjita' kollha tagħha.

Jekk tassew irridu li l-prinċipju fundamentali li jiggwidana jkun ir-rispett sħiħ lejn id-dinjita' u l-integrita' tal-ħajja umana, dan irridu naċċettawh u nosservawh mingħajr tlaqliq.

## Dmir il-Kattoliku

Meta l-Maġisteru tal-Knisja jgħallem uffiċjalment fuq suġġetti bħal dawn jagħmel hekk biex, kif inhu tabilħaqq id-dmir tiegħu, jgħallem u jdawwal il-kuxjenza ta' l-Insara, l-aktar dawk involuti fil-ħajja politika, biex għemilhom ikun dejjem jista' jġib 'il quddiem it-tisħiħ tal-persuna umana u l-ġid komuni.

Il-Kattoliku lajk għandu d-dmir li jkun moralment koerenti, dmir li jinsab fil-kuxjenza, li hi waħda u indiviżibbli.

Kif tgħallem in-Nota Dottrinali dwar xi aspetti li għandhom x'jaqsmu ma' sehem il-Kattoliċi fil-ħajja politika, maħruġa mill-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi fl-2002, "li tgħix u taġixxi fi qbil mal-kuxjenza fuq kwestjonijiet ta' politika ma jfissirx li qed tkun taqdi servilment qagħdiet barranin għall-politika jew li tħaddan xi forma ta' konfessjonaliżmu, iżda pjuttost il-mod kif l-Insara jagħtu kontribut sħiħ biex, permezz tal-ħajja politika, is-soċjeta' ssir aktar ġusta u konsistenti mad-dinjita' tal-persuna umana."

## Kuraġġ Nisrani

Nitolbu 'l Alla jagħtina lkoll id-dehen u l-kuraġġ biex, jingħad x'jingħad u jiġri x'jiġri f'pajjiżi oħrajn, fejn il-bniedem spiss isib jew

isawwar ħafna skużi biex jiġġustifika għemilu meta dan iġibu f'konflitt ma' dak li hu moralment leċitu, il-poplu Malti u r-rappreżentanti tiegħu jibqa' jkollna l-qawwa li naġixxu tassew bħala poplu li għalih l-ewwel tiġi r-rieda tal-Ħallieq, li hija mimlija mħabba lejn il-bniedem.

Dan nitolbuh bl-għajnuna u fuq l-eżempju ta' Marija Ommna li mxiet dejjem skond ir-rieda tal-Mulej.

**KonKattidral ta' San Ġwann**
**21 ta' Settembru 2005**

# 31 ANNIVERSARJU TA' L-ORDINAZZJONI EPISKOPALI – MESSAĠĠ TA' MONS. ARĊISQOF ĠUŻEPPI MERCIECA

## Kristu l-ewwel fil-ħajja tas-saċerdot

L-okkażjoni li l-lum ġabitna flimkien, numru sabiħ ta' saċerdoti, reliġjużi u lajċi hija biex inroddu ħajr lil Alla għall-bosta grazzji u għajnuna kbira li Huwa għoġbu jagħtini matul il-wieħed u tletin sena bħala Isqof. Grazzi ħafna lill-Mulej; grazzi ħafna wkoll lilkom ilkoll tal-preżenza tagħkom miegħi għal din l-okkażjoni f'din id-Dar ta' Alla.

Nirringrazzja ħafna lill-Mulej. Huwa dejjem mexa miegħi b'imħabba, tjubija u ħniena kbira. Ebda bniedem ma jirnexxilu jifhem sewwa kif il-Mulej iġib ruħu magħna s-saċerdoti. Minn naħa waħda, tana responsabbilta' kbira: f'dak li ngħidu u nagħmlu rridu nkunu ta' eżempju tajjeb għall-oħrajn; minn naħa oħra, id-dgħufija tagħna ġġiegħlna nħossu li, kemm jekk inti isqof, kemm jekk inti saċerdot, aħna lkoll, xorta waħda midinbin bħal dawk li rridu ngħixu magħhom u nqaddsu.

## Saċerdoti għal dejjem

Din hija responsabbilta' tqila li ġġiegħlna mmissu b'idejna ċ-ċokon u l-miżerja tagħna. Madankollu, Ġesu' jgħidilna biex ma nħallux il-biża' jaħkimna. Huwa jgħidilna li aħna l-ministri u l-ħbieb tiegħu filwaqt li jtennilna: "Mhux intom għażiltu lili, imma jien għażilt lilkom biex tmorru u tagħmlu ħafna frott li jibqa' għal dejjem." Din hija r-realta'. Din hija l-verita'. Ġesu' kellu r-raġunijiet tiegħu; kien jaf x'qed jagħmel. U l-lum, Ġesu' jridna bħala qassisin tiegħu daqskemm riedna fil-ġurnata ta' l-ordinazzjoni saċerdotali tagħna. Aħna s-saċerdoti ta' Ġesu' għal dejjem. Huwa jħares lejna bħala l-ħbieb ta' ġewwa tiegħu għal dejjem.

Il-lum irrid ukoll li flimkien nirringrazzjaw lill-Mulej għaliex huwa żejjen lis-saċerdoti tagħna b'diversi doni u talenti. Għandna saċerdoti li jagħtu eżempju tajjeb lil kulħadd bil-mod dejjem dinjituż ta' kif iħejju u jmexxu ċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti. Għandna saċerdoti li jixhdu l-preżenza ta' Alla fil-qadi kollu tal-ministeru tagħhom ma' l-emarġinati, mad-drogati, mal-batuti, mal-morda u mal-moribondi. Għandna wkoll saċerdoti li għandhom zelu u don speċjali ta' kif iwasslu l-Kelma ta' Alla f'qalb il-bniedem. Għandna wkoll ħafna saċerdoti li jaqdu lill-poplu tagħna fil-qrar u b'pariri spiritwali. Nirringrazzjaw lil Alla u nirringrazzjaw ukoll lis-saċerdoti tagħna

## Żewġ għodod

Dawn id-doni u talenti oħrajn – bħalma hija l-kapaċita' organizzattiva – huma prezzjużi u ta' siwi kbir għall-ħidma tas-saċerdoti. Iżda waħedhom mhumiex biżżejjed. Tinħtieġ kwalita' oħra, li hija essenzjali u indispensabbli biex aħna s-saċerdoti nkunu nistgħu nitqaddsu u nqaddsu lill-oħrajn. Irridu fuq kollox u qabel kollox inkunu nies ta' talb u li ngħixu f'għaqda mal-misteru tas-Salib ta' Kristu. Dawn huma ż-żewġ għodod verament essenzjali u indispensabbli biex ngħixu ħajja verament u awtentikament spiritwali, u jkollna dik il-lealta' personali u ħbiberija sħiħa li Ġesu' għal tliet darbiet talab minn Pietru qabel ma tah l-imfietaħ tas-Saltna tas-Smewiet.

Dawn iż-żewġ għodod, tat-talb u tar-rabta mas-Salib ta' Ġesu', jgħinu lis-saċerdot biex fl-impenn saċerdotali tiegħu, jirbaħ kull ġibda esaġerata li tista' tiġi minn interessi, sodisfazzjonijiet, programmi u skopijiet oħrajn tagħna li tfixkilna milli nagħtu lil Ġesu' waħdu l-ewwel post, l-akbar importanza fil-ħsibijiet, fil-qalb u l-ħajja tagħna.

Dan ma jfissirx li s-saċerdot għandu jgħix magħluq f'bozza, maqtugħ mid-dinja li jgħix fiha. Xejn minn dan; anzi hu l-kuntrarju. Il-Konċilju Vatikan II jgħidilna li l-presbiteri għandhom jagħarfu l-esperjenza u l-kompetenza tal-lajċi fid-diversi oqsma tal-ħidma umana u jħabirku flimkien magħhom biex jagħrblu sewwa s-sinjali taż-żminijiet. Jgħidilna wkoll li "l-presbiteri jridu jaqbżu għall-ġid komuni.... u jistqarru wkoll bil-qawwa kollha l-verita' biex il-fidili ma jixxejrux 'il hawn u 'l hemm ma' kull riħ ta' tagħlim.

Il-Konċilju ma jeħda qatt jinkuraġġixxi lill-Isqfijiet biex x'uħud mill-presbiteri tagħhom jingħataw għal studju iktar profond tax-xjenza u biex is-saċerdoti kollha jkunu intiżi dwar il-ħwejjeġ ta' Alla u tal-bniedem, ħalli jitħejjew aħjar għal djalogu man-nies ta' żmienhom. Dan juri li s-saċerdot, filwaqt li jkun mogħti għat-talb u sagrifiċċju, u għal ħajja awtentikament spiritwali, irid ukoll, b'amar ta' Ġesu', ikun melħ ta' l-art. U meta aħna s-saċerdoti nagħmlu dan fl-ispirtu ta' Kristu, inkunu nixhdu l-lealta' personali u l-ħbiberija tagħna li Ġesu' jitlob minna s-saċerdoti.

Il-lealta' tagħna s-saċerdoti lejn Ġesu' trid titmantna u tissaħħaħ permezz tat-talb. Iżda jista' jiġri li kultant ma nħossuhiex faċli li ngħaddu kuljum xi ħin fit-talb privat. Hekk ukoll kultant jista' jiġri li nħossu li hu tqil ħafna s-salib li kultant irridu nġorru. Qed neskludi ħwejjeġ drammatiċi; qed nalludi għal frustrazzjonijiet u diżappunti fil-ħajja ta' kuljum; id-dispjaċir li nħossuna minsijin jew mhux apprezzati; jew ma naqbilx ma' l-isqof meta jieħu xi deċiżjoni li ma nħosshiex ġusta. Dawn u oħrajn huma sitwazzjonijiet li jitolbu ħafna talb u sagrifiċċju. Ġesu' jkun magħna u ħdejna f'dawn iċ-ċirkustanzi; ifakkarna fil-lealta' personali u l-ħbiberija li jistenna minna u jagħtina kull għajnuna biex nagħarfu li dawn huma okkażjonijiet tad-deheb biex nippurifikaw qalbna dejjem iżjed u nitqaddsu.

Is-saċerdot li jitlob u jħares lejn is-Salib tal-Mulej jemmen u jaċċetta li, kif Alla jaġixxi permezz tas-superjuri, taċ-ċirkustanzi u ġrajjiet oħrajn, jaġixxi wkoll permezz ta' l-isqof. Għalkemm, għalhekk, saċerdot jista' xi drabi jħossu mweġġgħa minn xi aġir ta' l-isqof, dan għandu dejjem jitlob biex jirbaħ kull tentazzjoni li żżommu 'l bogħod milli jkollu rispett u ubbidjenza lejn l-isqof tiegħu. Kif hemm fil-Konċilju Vatikan II: "Il-presbiteri m'għandhom jagħmlu xejn mingħajr il-qbil ta' l-isqof għax lilu huwa fdat il-poplu ta' Alla." Naqraw ukoll fil-Konċilju li: "ebda presbiteru ma jista' jtemm sewwa l-missjoni tiegħu mifrud mill-oħrajn u bħallikieku għal rasu, imma biss jekk jgħaqqad il-forzi tiegħu ma' presbiteri oħrajn taħt it-tmexxija ta' min jippresiedi fuq il-Knisja."

## Għożża speċjali ta' l-isqof

L-isqof għalhekk huwa fid-dmir li jkun qaddis u li jġib is-saċerdoti kollha bħala aħwa u ħbieb tiegħu. Għandu jkollu tjubija u kompassjoni. Il-baklu jrid ifakkru f'dawn iż-żewġ kwalitajiet li huma essenzjali għal min għandu xi awtorita'. Fuq l-eżempju ta' Kristu, li kien jilqa' l-midimbin u jiekol magħhom, l-isqof irid jieħu ħsieb kull min telaq il-komunita' tiegħu, biex ireġġgħu lura ma' l-oħrajn. Ikun hemm min iwarrab it-tagħlim tal-Knisja Kattolika minn ħajtu u ma għandux xewqa li jirritorna. Oħrajn abbandunaw il-komunita', jixtiequ jirritornaw, iżda jinsabu f'ċirkustanzi li jżommuhom fil-bogħod. Oħrajn isibu li l-Knisja Kattolika hija iebsa. Dawn kollha għandhom ikunu l-għożża speċjali u l-ħerqa ta' l-isqof.

Din l-attenzjoni u din l-imħabba ma jeżentawx lill-isqof milli jħares, iżomm sħiħ u bla tikmix, u jwassal id-depożitu tal-fidi li l-Knisja ta' Kristu f'kull żmien u kullimkien dejjem għallmet, kif ukoll il-morali, il-prinċipji u l-liġijiet tagħha.

Ir-responsabbilta' ta' l-isqof u tas-saċerdoti hija kbira u tqila. Il-komunita' tagħna ġustament tistenna ħafna mill-isqof u s-saċerdoti tagħha. Madankollu, huma lesti li jiskużawna meta ma nagħtuhomx dak li huma u aħna tant nixtiequ. Ta' dan nirringrazzjawhom.

Il-kotra l-kbira tal-komunita' tagħna, għall-grazzja ta' Alla, ma jinteressahiex tisma' l-ideat li jikkomunikaw x'uħud minna dwar il-Knisja universali u f'pajjiżna bħallikieku hija Knisja antikwata u maqtugħa mill-ħajja tal-lum. Dan jista' joħloq biss konfużjoni. Minn naħa l-oħra, il-kotra l-kbira tal-komunita' tagħna japprezzaw ħafna meta jisimgħuna nitħaddtu fuq il-Kelma ta' Alla b'mod interessanti u b'entusjażmu li jdawwal il-moħħ u jkebbes il-qalb. Bosta żgħażagħ anzi jitolbuna nwasslulhom l-esperjenza tagħna bħala saċerdoti li ngħixu relazzjoni intima ma' Ġesu'.

## Tfittxija għal Alla

Fid-dinja tal-lum insibu ħafna nies li huma maħkumin minn valuri materjalisti u saħansitra jiċħdu lil Alla. Iżda kbir ukoll huwa l-għadd ta' dawk, speċjalment ta' żgħażagħ, li qed ifittxu lil Alla, min b'mod u min b'ieħor. Aħna lkoll, niġru, aktarx bla ma nafu, wara teżor kbir, li huwa aktar kbir minna. Dan it-teżor huwa Alla.

Għad għandna ħafna tajjeb fil-komunita' tagħna. Ħafna huma l-familji tajbin.

Niftakar, bi pjaċir, in-numru sabiħ ta' żgħażagħ mill-gżejjer tagħna li, akkost ta' sagrifiċċji, marru Cologne fil-Ġermanja biex jisimgħu l-Kelma ta' Alla. Kienet ċirkustanza ta' fidi, ta' talb, ta' sagrifiċċju. Kienet ċirkustanza li ħeġġitna fil-fedelta' tagħna lejn il-Papa, il-Vigarju ta' Kristu fuq l-art, u rabtitna aktar ma' Alla u mal-Knisja tiegħu.

**KonKattidral ta' San Ġwann**
**29 ta' Settembru 2005**

Ċirkolari Nurmu 480

# ĠABRA FAVUR L-ART IMQADDSA

Nhar il-Ħadd, 18 ta' Settembru, fl-Arċidjoċesi tagħna se tiġi ċelebrata l-ġurnata ta' talb u ta' għajnuna għall-Art Imqaddsa.

Nappellaw lil kulħadd biex noffru t-talb tagħna lil Alla għal dawn ħutna. B'mod speċjali, b'tama sħiħa nitolbu lil Alla biex idawwal l-imħuħ u jrattab il-qlub tal-bnedmin biex tinstab soluzzjoni xierqa, ġusta u dejjiema, għat-traġedja ta' ġlied u qtil li ilha tifleġ lill-Art Imqaddsa.

Nippruvaw ngħinu lil dawn ħutna wkoll materjalment, billi nagħtu l-offerta ġeneruża tagħna fil-ġabra li sejra ssir fil-quddies kollu li jiġi ċelebrat fil-knejjes tagħna nhar is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd, 17 u 18 ta' dan ix-xahar.

Bl-offerti tagħna ngħinu biex jinżammu miftuħa knejjes, skejjel, sptarijiet, kliniċi u strutturi oħra ta' għajnuna għal dawn ħutna li jgħixu fl-Art Imqaddsa.

Il-Mulej żgur jisma' t-talb tagħna. Hu japprezza kull sagrifiċċju li nagħmlu u jroddilna, kif jaf Hu, ta' kull ma nagħmlu għal dawn ħutna u għall-Art Imqaddsa.

**Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta,**
**Floriana, illum 6 ta' Settembru 2005.**

✠Annetto Depasquale,
Isqof Awżiljarju ta' Malta

Mons. Carmel Zammit
Kanċellier

(Nota: Il-flus li jinġabru għall-Art Imqaddsa għandhom jiġu mgħoddija, mingħajr ebda tnaqqis, lill-Kummissarju ta' l-Art Imqaddsa, 8 Triq S. Luċija, Valletta VLT 07, mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2005.)

Ċirkulari Numru 481

## 31 ANNIVERSARJU TA' L-ORDINAZZJONI EPISKOPALI TA' MONSINJUR ARĊISQOF

Nhar il-Ħamis, 29 ta' Settembru, jaħbat il-wieħed u tletin anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Episkopali ta' Monsinjur Arċisqof.

L-isbaħ rigal li nistgħu noffru lill-Arċisqof f'dan l-anniversarju, bħala sinjal ta' l-imħabba tagħna lejh, hu li niftakru fih u fl-intenzjonijiet tiegħu fit-talb tagħna.

Biex ningħaqdu lkoll, bħala Djoċesi, f'dan it-talb, fit-Talba tal-Fidili tal-Quddies kollu tas-Sibt filgħaxija, tal-Ħadd u l-Ħamis 24, 25 u 29 ta' Settembru, għandha tingħad ukoll din l-invokazzjoni: 'Ħares u seddaq, Mulej, lill-Arċisqof tagħna, biex ikun għalina ta' ġid fir-ruħ bil-kelma u bl-eżempju, ħa jwassalna miegħu fil-hena ta' dejjem'.

Nhar id-29 ta' Settembru, imbagħad, fil-knejjes kollha ta' l-Arċidjoċesi fejn tiġi ċelebrata aktar minn Quddiesa waħda, waħda minnhom jixraq li tkun dik ta' l-Anniversarju Episkopali ta' Monsinjur Arċisqof (ara l-Ordni għaċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, paġna 418).

Fl-istess jum tal-Ħamis, 29 ta' Settembru, fis-6.30 ta' filgħaxija, fil-Konkattidral ta' San Ġwann, Valletta, Monsinjur Arċisqof se jmexxi Quddiesa konċelebrata ta' radd il-ħajr lil Alla. Is-Saċerdoti kollha, djoċesani u reliġjużi, huma mistiedna jikkonċelebraw. Ir-Reliġjużi l-oħra, il-membri ta' Istituti oħra ta' Ħajja Konsagrata, il-membri tal-Għaqdiet u Movimenti Kattoliċi u l-lajċi kollha huma mistiedna jieħdu sehem f'din il-Quddiesa.

## IX-XAHAR TA OTTUBRU U R-RUŻARJU

Nixtieq inħeġġeġ lil ħutna kollha fil-Fidi biex matul ix-xahar ta' Ottubru jiftakru u jfakkru lil xulxin biex jitolbu r-Rużarju b'ħeġġa u devozzjoni

aktar ħerqana. Fejn possibbli, din it-talba għażiża għandha tingħad ma' oħrajn fil-familji jew ma' membri oħra tal-komunità nisranija fil-knejjes.

**Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta,**
**Floriana, illum 19 ta' Settembru 2005.**

✠Annetto Depasquale,
Isqof Awżiljarju ta' Malta

Mons. Carmel Zammit
Kanċellier

---

Ċirkolari Numru 482

---

## Talb fl-okkażjoni tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet u tal-Jum Dinji tal-Hospice u tal-Kura Palljattiva

Minn-nhar il-Ħadd, 2 ta' Ottubru 2005, sal-Ħadd, 23 ta' l-istess xahar, ser jiltaqa' f'Ruma s-Sinodu ta' l-Isqfijiet dwar l-Ewkaristija. Xieraq li aħna u l-fidili fdati fil-kura pastorali tagħna noffru talb u sagrifiċċji biex dan is-Sinodu jirnexxi skond il-Qalb ta' Alla. Minn meta tasal din iċ-@irkolari sal-għeluq tas-Sinodu fit-Talb tal-Fidili, fil-Quddies kollu, għandha tiżdied din l-invokazzjoni:

"Agħti lill-Isqfijiet, imlaqqgħin għas-Sinodu, id-dawl u kull għajnuna li jinħtieġu biex jagħrfu jmexxuna dejjem aktar lejk u skond ir-rieda tiegħek."

Minbarra din l-invokazzjoni, fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Hospice u tal-Kura Paljattiva, fil-Quddies kollu tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd, 8 u 9 ta' Ottubru, 2005, fit-Talba tal-Fidili tiżdied din l-invokazzjoni:

"Ieqaf mal-morda kollha mġarrba bil-kanċer u mal-familji tagħhom. Ibgħat l-Ispirtu Qaddis tiegħek fuqhom u fuq ix-xjentisti, it-tobba, l-infermieri, il-paramediċi u l-volontiera kollha, li ta' kuljum jieħdu ħsiebhom."

**Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 28 ta' Settembru 2005.**

✠ Annetto Depasquale,
Isqof Awżiljarju ta' Malta
Vigarju Ġenerali

Mons. Carmel Zammit
Kanċellier

## STQARRIJIET OĦRA MILL-KURJA

## L-EWWEL TQARBINA U GRIŻMA TA' L-ISQOF GĦALL- MIGRANTI

L-Ewwel Tqarbina u l-Konfermazzjoni (Griżma ta' l-Isqof) għal ulied l-emigranti din is-sena se jsiru fis-27 ta' Lulju u l-24 ta' Awissu f'Malta, u fit-27 ta' Lulju f'Għawdex. It-tfal irid ikollhom seba' snin magħluqin għall-Ewwel Tqarbina u 10 snin magħluqin għall-Griżma ta' l-Isqof Jiġu aċċettati biss it-tfal li jissodisfaw il-kundizzjonijiet, li jinkludu laqgħat apposta għat-tfal u għall-ġenituri. Tagħrif dwar il-kundizzjonijiet kollha jista' jinkiseb minn Dar l-Emigrant, Pjazza Kastilja, Valletta (21222644, 21232545), jew fil-Fergħa tal-Kummissjoni Emigranti f'Għawdex, fi 12, Triq Pompej, Victoria (21556210).

**1 ta' Lulju 2005**

# LAQGHA TA' L-ARĊISQOF MAL-MISSJUNARJI MALTIN

Is-saċerdoti, reliġjużi u lajċi Maltin li qed jaħdmu għall-Knisja f'pajjiżi oħrajn u li bħalissa jinsabu Malta għall-btajjel tagħhom, qed jiġu mistednin għal laqgħa ma' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca, nhar l-Erbgħa, 20 ta' Lulju 2005, f'Dar l-Emigrant, Valletta, fis-6.00 p.m.

Din l-okkażjoni tiġi organizzata kull sajf mis-Segretarjat għas-Saċerdoti Maltin li qed jaħdmu għall-Knisja bogħod minn artna. Fiha, il-missjunarji jkollhom l-opportunita' li jitkellmu ma' Monsinjur Arċisqof dwar l-esperjenzi tagħhom fil-ħidma pastorali u missjunarja li qed iwettqu.

Din hija t-28 darba li qed tiġi organizzata din il-laqgħa.

Dawk li jixtiequ jattendu huma ġentilment mistiedna jgħarrfu lill-organizzaturi, f'Dar l-Emigrant (Tel: 21222644, 21240255, 21232545).

**13 ta' Lulju 2005**

# IL-FESTA TA' SANTA MARIJA F'ĦAL GĦAXAQ

Wara li qiesu sewwa s-sitwazzjoni li fiha tinsab il-Parroċċa ta' Ħal Għaxaq, l-Awtoritajiet tal-Knisja f'Malta jaraw li m'hemmx l-ambjent xieraq għaċ-ċelebrazzjoni tal-festi fi spirtu tassew nisrani.

Għaldaqstant, il-Kurja ta' l-Arċisqof tordna li l-Festa tat-Tlugħ fis-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem ta' Ommna Marija Santissima, fil-Parroċċa ta' Ħal Għaxaq, waqt li jsir dak kollu li s-soltu jsir għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa fil-knisja, ma jsir xejn esternament.

**13 ta' Lulju 2005**

# ORDINAZZJONI TA' DISGĦA SAĊERDOTI ĠODDA

## Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca se jordna disa' saċerdoti ġodda.

L-ordinazzjoni se ssir nhar il-Ħamis, 21 ta' Lulju 2005, fil-KonKattidral ta' San Ġwann, Valletta, fis-6.30 p.m. Is-saċerdoti huma wieħed djoċesan u tmienja reliġjużi:

Andre' Azzopardi, Franġiskani Kapuċċin, li twieled fil-21 ta' Marzu 1977.

Donald Bellizzi, Franġiskan Konventwali, li twieled fis-7 ta' Settembru 1971.

Eric Cachia, Sależjan, li twieled fl-4 ta' Awissu 1976.

Bernard Caruana, Dumnikan, li twieled fl-24 ta' Lulju 1979.

Leslie Gatt, Agostinjan, li twieled fil-15 ta' Lulju 1978.

Joseph Gerada, Tereżjan, li twieled fil-5 ta' Marzu 1977.

Reuben Micallef, mill-Parroċċa tal-Madonna ta' Lourdes – Raħal Ġdid, li twieled fid-29 ta' Lulju 1977.

Francois, Mifsud Dumnikan, li twieled fil-21 ta' Lulju 1979.

Hayden Williams, Franġiskan Kapuċċin, li twieled fid-9 ta' Lulju, 1977.

Il-pubbliku li jattendi għall-ordinazzjoni hu mfakkar li fil-KonKattidral mhumiex permessi żraben bit-takkuna bil-ponta.

**19 ta' Lulju 2005**

# L-ARĊISQOF JILTAQA' MAL-MISSJUNARJI

Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca il-bieraħ, l-Erbgħa, 20 ta' Lulju, 2005 iltaqa' mas-saċerdoti u r-reliġjużi missjunarji Maltin li bħalissa jinsabu Malta għal btala.

Il-laqgħa, li kienet it-28 waħda tax-xorta tagħha fl-istess numru ta' snin, bħas-soltu ġiet organizzata f'Dar l-Emigrant mis-Segretarjat għas-Saċerdoti, Reliġjużi u Lajċi li qegħdin jaħdmu għall-Knisja bogħod minn artna.

Attendew 28 saċerdoti u reliġjużi li kienu ġejjin mill-Albanija, Awstralja, Belġju, Bolivja, Brazil, Chad, Indja, Italja, Ġerusalemm, Kanada, Kenja, Mawritanja, Pakistan, Peru' u Turkija. Huma ilhom jaħdmu fil-kamp missjunarju minn 10 sa 54 sena.

Kull wieħed u waħda mill-missjunarji introduċew irwieħhom u fissru fil-qosor il-ħidma tagħhom fl-ambjent li fih qed jaħdmu.

Il-ħidmiet li qed iwettqu l-missjunarji li ħadu sehem fil-laqgħa jinkludu kura ta' trabi abbandunati u ta' tfal tat-triq, ftuħ u tmexxija ta' djar għaż-żgħar, żgħażagħ u anzjani, tmexxija ta' skejjel, tagħlim tar-reliġjon fl-iskejjel ta' l-istat u tagħlim f'universitajiet, tagħlim tal-katekiżmu, żjajjar lill-morda u ħabsin, twaqqif u tmexxija ta' korsijiet għall-katekisti u djakni permanenti, tħejjija għall-magħmudija u sagramenti oħra, ħidma ekumenika, tisħiħ ta' vokazzjonijiet, promozzjoni ta' ġustizzja u paċi, u kura ta' l-emigranti Maltin fil-Kanada u l-Awstralja.

Il-missjunarji kollha esprimew il-ferħ tagħhom fil-ħidma li qegħdin iwettqu. Fl-istess ħin, filwaqt li wħud fissru s-sodisfazzon tagħhom għall-għadd ta' vokazzjonijiet fl-artijiet fejn qed jaħdmu, oħrajn tkellmu dwar nuqqas serju ta' vokazzjonijiet saċerdotali. Oħrajn urew il-preokkupazzjoni tagħhom għall-kwantita' ta' setet li qegħdin jitfaċċaw u li qegħdin idgħajjfu l-Knisja.

Il-missjunarji esprimew l-apprezzament tagħhom għat-tagħrif li taw lil xulxin.

**Hajr ta' l-Arċisqof**

Wara li sema' lill-missjunarji kollha, Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca irringrazzja lill-missjunarji għall-varjeta' ta' ħidma li qegħdin iwettqu b'tant entusjażmu, impenn u sagrifiċċju. L-Arċisqof assigurhom mill-appoġġ tiegħu u ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta. Mons. Mercieca faħħar lil Malta għall-ġenerożita' finanzjarja u soċjali tagħha b'riżq il-ħidma missjunarja u n-nies fil-bżonn. Fl-istess ħin, huwa wera x-xewqa li l-imħabba lejn il-ħidma missjunarja testendi ruħha għal impenn ikbar għall-kelmiet "morru għallmu".

Wara ftit ħin li fih il-missjunarji setgħu jitkellmu bejniethom u ma' l-Arċisqof, Mons. Mercieca ta l-barka tiegħu u talab lill-missjunarji jwasslu t-tislijiet tiegħu u tal-membri tas-Segretarjat lil sħabhom missjunarji Maltin.

Qabel il-laqgħa Mons. Arċisqof mar iżur lil Fr. Paul Mallia S.J., missjunarju Malti fil-Kenja, li attwalment hu rikoverat fl-Isptar Zammit Clapp.

**21 ta' Lulju 2005**

---

# ŻJARA TA' L-ARĊISQOF F'RUMA

---

Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca l-lum, il-Ġimgħa, 22 ta' Lulju 2005, mar Ruma għal żjara ta' ftit ġranet. Fil-jiem li Mons. Mercieca se jkun imsiefer, id-dmirijiet ta' Arċisqof ikunu f'idejn Mons. Annetto Depasquale, Isqof Awżiljarju.

**22 ta' Lulju 2005**

# OPINJONI TAL-KUMMISSJONI AMBJENT DWAR L-ISTRATEĠIJA TA' L-IMMANIĠĠJAR TA' L-ISKART SOLIDU GĦALL-GŻEJJER MALTIN

Il-Kummissjoni Ambjent, imwaqqfa fi ħdan is-Segretarjat Pastorali tal-Arċidjoċesi ta' Malta, qiegħda tippreżenta din l-OPINJONI dwar l-Istrateġija ta' l-Immaniġġjar ta' l-Iskart Solidu għall-Gżejjer Maltin[1] fid-dawl ta' wieħed mill-għanijiet li għalihom twaqqfet, kif ukoll sabiex tagħti l-kontribut tagħha għall-proċess ta' reviżjoni ta' l-istess Strateġija li qiegħed jitwettaq bħalissa. Dan is-suġġett huwa tant kruċjali għall-kwalita' ta' ħajja li ngħixu u għall-ħarsien ta' l-ambjent f'dawn il-gżejjer, li għalhekk awtomatikament jaqa' fl-interess tal-Kummissjoni. Ċertament li dan is-suġġett hu tant vast u kkumplikat li ma jistax ikun ittrattat b'mod dettaljat u komprensiv f'dokument bħal dan. Għalhekk, l-għan ta' din l-OPINJONI huwa aktar li tpoġġi għad-diskussjoni xi punti ewlenin milli li tidħol fl-irqaqat kollha ta' dan is-suġġett.

Sabiex nippreparaw din l-OPINJONI ikkonsultajna diversi esperti, awtoritajiet u nies involuti, kif ukoll xi dokumenti u rapporti ippubblikati dwar dan is-suġġett. Naturalment, wara li għamilna dawn il-konsultazzjonijiet, kull fehma u opinjoni espressa f'dan id-dokument hija dik tal-Kummissjoni.

## 1. Daħla

Bla dubju ta' xejn, wieħed mill-aktar sfidi għall-iżvilupp sostenibbli ta' dawn il-gżejjer huwa kif se jirnexxilna nsolvu l-problema ta' l-iskart solidu. Din il-problema hija l-frott ta' diversi fatturi fosthom id-densita' għolja ta' popolazzjoni, iċ-ċokon ta' dawn il-gżejjer, kif ukoll ta' ċerti għażliet li kemm bħala poplu u kemm bħala awtoritajiet għamilna fil-passat. Għal ħafna snin ipproduċejna skart solidu kważi bla rażan u bla ebda responsabbilta' lejn ir-riżorsi limitati tagħna. Kien hemm żmien fejn sa ħsibna li l-ammont ta' l-iskart solidu li konna qed nipproduċu kien qed jikber minħabba li konna qed niżviluppaw. Kien ċertament għamla ta'

żvilupp insostenibbli fejn il-prezz li konna qed inħallsu għan-nuqqas ta' ħsieb tagħna kien għadu moħbi. Issa wasal iż-żmien li nħallsu l-kontijiet!

Lejn l-aħħar tas-snin 90 u l-bidu ta' dan is-seklu, beda jinbena l-qafas amministrattiv u leġislattiv sabiex nibdew il-mixja lejn l-immaniġġjar ta' din il-problema. L-istrateġija għall-iskart solidu fil-Gżejjer Maltin, ippubblikata fl-2001, kien bidu tajjeb fejn wera l-linji ta' gwida li fuqhom kellna nimxu. Sabiex tkun implimentata din l-istrateġija twaqqfet il-kumpannija WasteServ Malta Ltd. Fil-preżent, din l-istrateġija qed tkun riveduta sabiex tissaħħaħ u tkun adattata għaċ-ċirkustanzi u xejriet ġodda li deħru f'dawn l-aħħar snin. Il-Kummissjoni tixtieq u temmen li din l-OPINJONI tista' tkun ta' kontribut siewi għal din ir-reviżjoni ta' l-Istrateġija.

Bla dubju, l-aktar riżultat pożittiv u li jidher kien l-għeluq tal-miżbliet tal-Magħtab u tal-Qortin. Wara dawn l-iżviluppi kien hemm il-ħeġġa u l-impenn ta' l-awtoritajiet li deħru sew mill-ammonti ta' flejjes u riżorsi disponibbli kemm mill-fondi lokali kif ukoll minn dawk ta' l-Unjoni Ewropea. Fl-istess waqt (u dan, sa ċertu punt, kien mistenni) l-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija bdiet tiltaqa' ma' diversi ostakoli u problemi, kif ukoll tfaċċaw sitwazzjonijiet li jitolbu approwċ differenti.

## 2. Linji ta' Gwida ta' l-Istrateġija għall-Iskart Solidu fil-Gżejjer Maltin

### 2.1 Għan u prinċipji bażiċi

L-Istrateġija hi bbażata fuq seba' prinċipji bażiċi li huma fundamentali biex jiżguraw li jintlaħaq l-iskop ewlieni ta' l-Istrateġija, jiġifieri dak li toħloq "*mezz li permezz tiegħu nistgħu nipprovdu kwalita' aħjar ta' ħajja u qafas adattat u effettiv għall-ħarsien tas-saħħa umana u l-ambjent*" (p.15).

Dan l-interess fit-titjib fil-kwalità tal-ħajja tas-soċjetà Maltija hu konformi kemm ma' l-ispirtu tal-liġijiet dwar l-ambjent ta' l-UE, kif ukoll mad-diversi trattati internazzjonali favur l-iżvilupp sostenibbli. L-

Istrateġija jirnexxilha ssib bilanċ bejn it-tliet dimensjonijiet ta' l-iżvilupp sostenibbli: l-ambjent, is-soċjetà u l-ekonomija, billi tipproġetta miri immedjati, medji u fit-tul. Minħabba f'hekk l-Istrateġija hi waħda integrata li, minbarra li tattakka l-problema tal-ġenerazzjoni ta' l-iskart minn diversi aspetti, tagħmel użu minn riżorsi differenti biex issolviha (p.28). Din il-metodoloġija integrata hi element importanti ta' din l-Istrateġija speċjalment fil-kuntest ta' pajjiż żgħir b'riżorsi limitati.

Dawn l-istess prinċipji sostenibbli huma riflessi wkoll fl-objettivi strateġiċi msemmija f'paġna 45.

L-Istrateġija hija ibbażata fuq erba' prinċipji: il-prinċipju ta' l-iżvilupp sostenibbli; il-prinċipju tal-prossimita' u l-awtosuffiċjenza (fejn kull komunita' trid tagħraf ir-responsabbiltà tagħha għall-iskart li tiġġenera); il-prinċipju prekawzjonali; u l-prinċipju li min iħammeġ irid iħallas.

Il-Kummissjoni taqbel perfettament ma' dawn il-prinċipji bażiċi u hi ta' l-opinjoni li kull implementazzjoni ta' l-Istrateġija trid titkejjel ma' dawn il-parametri jekk irridu niżguraw li mexjin fid-direzzjoni t-tajba. Infatti, l-għeluq tal-miżbliet ewlenin tal-pajjiż, kif ukoll l-idea wara l-Eko-Kontribuzzjoni kienu perfettament konformi ma' dawn il-prinċipji. Iżda, jekk wieħed japplika l-prinċipju li min iħammeġ irid iħallas u dak tal-prossimità u l-awtosuffiċjenza, il-pjan li l-iskart ta' Għawdex jintbagħat Malta jinħtieġ reviżjoni. L-istess kunsiderazzjoni trid tingħata wkoll meta jkunu qed isiru l-istudji għall-allokazzjoni ta' l-art għall-bini ta' impjanti għall-immaniġġjar ta' l-iskart, kif inhu indikat fl-Istrateġija. F'kuntest ta' pajjiż żgħir bħal tagħna, wieħed jirrealizza li deċiżjonijiet bħal dawn dejjem se jkollhom xi impatt negattiv fuq xi komunità partikolari. Għalhekk, it-tħaddim ta' dawn il-prinċipji sostenibbli ta' l-Istrateġija hu kruċjali sabiex niżguraw li d-deċiżjonijiet li jittieħdu jkunu, mhux biss ekonomikament vantaġġużi, imma ambjentalment sensittivi u soċjalment ġusti.

## 2.2 Min hu responsabbli?

Minħabba li bidla fil-mod kif nimmaniġġjaw l-iskart tfisser bidla fl-istili ta' ħajja li ngħixu, ir-responsabbiltà ta' l-implimentazzjoni ta' l-

Istrateġija taqa' mhux biss fuq il-Gvern, imma wkoll fuq kull ċittadin. Biex dan jista' jseħħ, l-Istrateġija ssostni li l-Gvern għandu jistabbilixxi struttura li tiżgura li ċ-ċittadini kollha jifhmu r-responsabbiltajiet tagħhom u jipparteċipaw b'mod sħiħ fid-deċiżjonijiet (p.42). Hu minħabba f'hekk li l-Gvern jifhem l-importanza ta' programm kontinwu ta' komunikazzjoni u konsultazzjoni kemm qabel u kemm waqt l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija (p.44).

Dan jimplika proċess ta' edukazzjoni li matulu ċ-ċittadini jħossuhom li qed jingħataw it-tagħrif u l-ħiliet meħtieġa li jgħinuhom jieħdu deċiżjonijiet tajbin favur it-titjib fil-kwalità tal-ħajja – tagħhom u ta' pajjiżhom – li jmorru lil hinn mill-interessi personali dojoq ta' l-individwu. Hu biss meta ċ-ċittadini jħossuhom parteċipi b'dan il-mod attiv fid-deċiżjonijiet li jitnissel fihom sens ta' responsabbiltà u jispiċċaw biex jintegraw il-prinċipji ta' din l-Istrateġija fil-ħajja u fl-għażliet tagħhom. Dan is-sens ta' responsabbiltà jitkattar meta ċ-ċittadini jsiru konxji li l-miżuri li qed jittieħdu qed iħallu l-frott (ara Table 5, Nru. 6.1.2, p.47).

Imma l-idea ta' sehem sħiħ fid-deċiżjonijiet, għalkemm tissemma' fil-bidu ta' l-Istrateġija, donnu ma tidhirx aktar fl-objettivi strateġiċi tagħha. Meta niġu għall-implimentazzjoni, dan is-sehem fid-deċiżjonijiet hu ridott sempliċiment għal proċess ta' informazzjoni (ara Table 5, Nru. 5, p.46 u Nri.E1, E2, E3 pp.71,72). Fl-Istrateġija jidher li hemm il-kunċett żbaljat li jqis bħala konsultazzjoni kull proċess li bih sempliċiment tinforma liċ-ċittadini bi pjanijiet u deċiżjonijiet. Anki l-istess proċess edukattiv hu ridott għal sempliċiment "*proċess one-way ta' preżentazzjoni u trasferiment ta' kunċetti, ideat u informazzjoni*" (p.72) bl-ebda aċċenn għall-formazzjoni ta' ħiliet, attitudnijiet u valuri li huma l-bażi ta' etika ambjentali tant neċessarja għall-implementazzjoni ta' din l-Istrateġija.

Fl-istess waqt, napprezzaw il-fatt li l-WasteServ qed taħdem fuq diversi proġetti fl-iskejjel, fuq il-media u fid-djar, sabiex tinforma l-pubbliku dwar l-importanza li nipproduċu inqas skart u dwar kif nistgħu nerġgħu nużaw xi ftit minn dan l-iskart. Dawn l-inizjattivi għandhom ikollhom l-appoġġ ta' kulħadd.

Bħala l-awtorità inkarigata mill-implimentazzjoni tal-Istrateġija, il-WasteServ hija obbligata li tikkonsulta fuq bażi kontinwa mad-diversi

taqsimiet tas-soċjetà ċivili li jaqsmu responsabbiltà diretta f'din il-materja (*stakeholders*). Dawn jinkludu s-settur ta' l-Industrija u l-għaqdiet volontarji. Il-Kummissjoni tinnota li f'dawn l-aħħar xhur saru diversi lmenti li din il-konsultazzjoni ma kenitx waħda kontinwa. Fl-istess waqt, huwa dmir ta' dawn l-istess *stakeholders* li jappoġġaw kemm huwa possibbli l-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija. Dan l-appoġġ għad irid ikun ferm aktar evidenti, speċjalment min-naħa ta' l-industrija fejn ir-responsabbiltà soċjali tingħata attenzjoni daqs il-gwadann ekonomiku.

Fl-istess waqt, il-Kummissjoni tiddeplora bil-qawwa kollha n-nuqqas ta' responsabblita' ta' dawk li jiġu jaqgħu u jqumu minn dawn l-isforzi kollha sabiex bħala nazzjon nimmaniġġjaw l-iskart sura ta' nies, u jwaddbu jew jarmu b'mod illegali u abbużiv kull ma jfettlilhom f'postijiet mitluqin u 'l bogħod mill-għajn. Dan l-aġir irresponsabbli jixhed l-injoranza ta' dawn il-persuni li mhux qed jintebħu li, minbarra li ħaddieħor qed ibati minħabba fihom, huma wkoll qed iħallsu għall-ħsara iġġenerata b'għemilhom stess. Per eżempju, matul is-sena l-oħra biss, l-awtoritajiet responsabbli nefqu madwar nofs miljun lira sabiex jitnaddfu diversi postijiet li kienu saru miżbliet illegali. Dawn l-affarijiet ma jagħmlux sens speċjalment f'kuntest ta' pajjiż ċivilizzat u pajjiż li jistqarr li jħaddan il-valuri Evanġeliċi. Ir-responsabbilta' għal dan l-aġir għandha tinġarr minn kulħadd, speċjalment minn kull min għandu xi dmir li jmexxi, jeduka u jiggwida liċ-ċittadin, inkluż il-Knisja.

## 2.3 Il-prijorità fl-immaniġġjar ta' l-iskart

Skond il-ġerarkija ta' l-iskart (ara p.17) l-ogħla prijorità għandha tingħata lill-prattiċi li jnaqqsu l-iskart. Madanakollu, filwaqt li wieħed japprezza l-urġenza li bħala pajjiż insibu mezzi effiċjenti li jikkontrollaw l-ammont ta' skart li diġa' hu ġġenerat, l-enfasi ta' l-Istrateġija hu aktar mixħut fuq l-aħħar tliet prattiċi (i.e. *Recycling*, *Recovery* u *Disposal*) milli fuq l-ewwel għażla (i.e. *Waste prevention / reduction*).

Għalhekk, filwaqt li l-Istrateġija hi metikoluża u serja ħafna fil-proposti li tagħmel biex issib il-kura għas-sintomi ta' din il-problema nazzjonali (i.e. l-ammont eċċessiv ta' skart ġenerat), ftit li xejn hemm enfasi fuq kif

tkun attakkata l-kawża. L-investiment hu prinċipalment fuq soluzzjonijiet tekniċi biss (p.87). Minkejja li l-Istrateġija tagħraf li s-sehem taċ-ċittadin hu importanti (rappreżentat b'faxex sħaħ li jkopru sa' l-2014, f'Table 13, p.86) ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' riżorsi allokati biex dan ikun jista' jseħħ. Wieħed jittama li din is-sitwazzjoni tkun irranġata fir-reviżjoni ta' l-Istrateġija … aktar u aktar fid-dawl ta' l-esperjenza ta' l-impatt pożittiv li inizjattivi edukattivi ħallew fuq l-implementazzjoni ta' l-Istrateġija.

## 2.4 Inċentivi

Bir-raġun kollu l-Istrateġija tesiġi li min jipproduċi l-iskart għandu jħallas għall-użu tal-faċilitajiet li jimmaniġġjaw l-iskart (Nri.C1, C2, pp.59-60). Madanakollu, ma jissemma l-ebda 'ħlas' li jingħata bħala kumpens lil dawk il-komunitajiet li jkollhom jitgħabbew bil-piż ta' impjanti għall-immaniġġjar ta' l-iskart fil-lokalità tagħhom. Bl-istess mod, l-Istrateġija ma tirreferi għall-ebda sistema ta' inċentivi, bħalma jsir f'diversi pajjiżi oħra ta' l-UE, li tħajjar lill-pubbliku u lill-istituzzjonijiet biex jisseparaw l-iskart (Nru.D3, p.66).

Ċertament li l-aktar mod dirett kif il-prinċipju ta' l-użu ta' inċentivi u diżinċentivi għandhom jintużaw sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Istrateġija huwa l-introduzzjoni ta' l-Eko-Kontribuzzjoni. Waqt li forsi għadu kmieni wisq sabiex issir evalwazzjoni serja ta' kemm din l-iskema qed tilħaq l-għanijiet tagħha, nifhmu li rapport dwar dan diġa' tlesta minn kummissjoni mwaqqfa apposta. Ikun f'waqtu li dan ir-rapport (jew għallinqas partijiet minnu) ikun ippubblikat biex jingħata ħjiel ta' jekk din l-għodda ta' immaniġġjar hix qed tiffunzjona kif suppost u b'hekk ikunu identifikati dawk il-punti fl-iskema ta' Eko-Kontribuzzjoni li għandhom bżonn jinbidlu jew jissaħħu. Dan jinħtieġ li jsir sabiex il-poplu jibda jara f'din l-iskema mhux biss mezz ta' kif l-awtoritajiet jiġbru l-fondi meħtieġa għall-implementazzjoni ta' l-Istrateġija, iżda għodda effettiva li twassal sabiex verament jitnaqqas l-iskart, b'mod speċjali dak li l-aktar jagħmel ħsara lill-ambjent.

L-aktar inizjattiva li fiha deher biċ-ċar fejn l-Eko-Kontribuzzjoni tat riżultati tajbin u fejn il-poplu fehem aħjar kif u għaliex qed tiġi

implimentata, kien fil-każ tal-basktijiet tal-plastik. Skond rapporti li deħru fl-istampa, kien irrapportat tnaqqis sostanzjali li jista' jwassal sabiex fi żmien sena waħda, ikun hemm tnaqqis ta' dan t-tip ta' skart b'40 fil-mija. Fl-istess waqt, il-Kummissjoni tixtieq tosserva li waqt li l-Eko-Kontribuzzjoni tkopri ħafna aktar forom ta' skart minbarra l-plastik, skart ieħor li miegħu jġorr dannu kbir għall-ambjent... bħalma hu per eżempju ż-żejt maħruq, mhux qiegħed jingħata l-attenzjoni meħtieġa f'din l-iskema. Kampanja kontinwa u oġġettiva ta' PR (relazzjonijiet pubbliċi) iżżomm lill-pubbliku aġġornat ma' dak li jkun qed isir u kemm sehem il-pubbliku qed ikun effettiv biex jintlaħqu l-miri proposti.

Skond rapporti oħra li deħru fl-istampa (Malta Independent, 17 Feb 05), il-WasteServ qed tinnota tnaqqis fil-volum ta' skart domestiku ġenerat u għalhekk il-faċilita' temporanja ta' l-iskart f' Ta' Żwejra se tkun tista' sservi għal aktar żmien. Jekk dan it-tnaqqis ikun verifikat, dan ikun sinjal pożittiv u inkoraġġanti ħafna. Iżda jeżistu sinjali oħra li juru li l-miri ta' l-Istrateġija li jitnaqqas l-iskart domestiku għadhom ferm 'il bogħod sabiex isiru realta' tanġibbli. Dan jista' jkun indikazzjoni li l-mira ta' l-inizjattiva biex jitnaqqas l-iskart domestiku trid tkun aktar indirizzata lejn il-produtturi u l-importaturi tal-prodotti milli lejn il-konsumatur biss. Jenħtieġ li l-produtturi u l-importaturi jagħrfu r-responsabbiltà tagħhom li fil-pjanijiet ekonomiċi tagħhom jinkludu konsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali. Għal xi wħud, dan il-kunċett jista' jkun xi ftit ġdid għal pajjiżna. Madanakollu, il-Kummissjoni tinnota b'ferħ u tinkoraġġixxi xi inizjattivi f'dan is-settur minn xi produtturi u l-importaturi lokali. Din hi d-direzzjoni li ħafna pajjiżi żviluppati għażlu qabilna ... u bir-raġun. Għax kif tista' titkellem fuq żvilupp veru meta l-kwalità tal-ħajja tkun kompromessa?

## 2.5 Skart ta' kostruzzjoni.

Aspett pożittiv li huwa riżultat ta' l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Strateġija huwa l-istat ta' informazzjoni ferm aktar ta' min jorbot fuqha dwar kemm qed niġġeneraw skart. Wisq probabbli li l-ammont ta' skart ta' kostruzzjoni (Construction and Demolition Waste, C&D) qiegħed jiżdied sew. Wisq probabbli wkoll li l-prinċipju ta' min iniġġes irid iħallas mhux qed ikun applikat biżżejjed u l-prezzijiet tas-suq għall-ġebla u t-

tħaffir għadhom ma jirriflettux il-prezz reali li aħna lkoll qed inħallsu f'termini ta' ħsarat ambjentali li dawn l-operazzjonijiet jikkawżaw.

Waqt li l-Kummissjoni tagħraf il-bżonn soċjali li jkollna djar diċenti u bi prezzijiet raġonevoli għall-familji tagħna, ftit hemm evidenza li huma l-familji tagħna li qed igawdu minn dawn il-prezzijiet raġonevoli (fuq l-użu tal-ġebla u l-ġenerazzjoni ta' l-iskart) li qed tgawdi l-Industrija tal-Kostruzzjoni. Il-Kummissjoni tiddeplora bil-qawwa kollha l-abbuż sfaċċat li qed isir fil-prezzijiet esaġerati li qed jintalbu fil-bejgħ ta' proprjetajiet. Il-qligħ esaġerat li qed isir minn dan il-bejgħ ħafna drabi qed ikun il-kawża ta' problemi soċjali kbar. Għal darb'oħra, il-Kummissjoni tappella lil dawk konċernati sabiex ma jpoġġux il-flus qabel kull konsiderazzjoni tagħhom u tfakkar li "... *ħadd ma jista' jaqdi lil Alla* (u lil uliedu) *u lill-flus*".

Minbarra dan, il-Kummissjoni tħoss li l-Industrija tal-Kostruzzjoni għad trid turi b'mod ferm aktar konkret li lesta tikkontribwixxi lejn l-Istrateġija fuq l-Iskart, billi mhux biss tagħmel użu ferm aktar effiċjenti minn din ir-riżorsa limitata tagħna (il-ġebla), iżda wkoll li tkun lesta tagħmel sforzi ġenwini sabiex l-istess skart iġġenerat mill-bini tagħrfu bħala dak li verament hu: riżorsa li tista' terġa tintuża'.

Bħalissa, l-iskart ta' kostruzzjoni qiegħed jintuża' sabiex nimlew diversi barrieri. Dan jagħmel ħafna sens, għaliex b'hekk inkunu b'xi mod qed nirrijabilitaw dawn il-postijiet waqt li ma nkunux qed nitilfu darba għal dejjem din ir-riżorsa. Fl-istess waqt, jinħtieġ sforzi akbar sabiex dawn l-attivitajiet (il-mili ta' barrieri) isiru taħt sorveljanza stretta sabiex naċċertaw irwieħna li ma ssir l-ebda ħsara ambjentali.

Naturalment, anke jekk l-iskart ta' kostruzzjoni jitnaqqas kemm huwa possibbli, xorta għad naslu fi żmien meta l-barrieri jkunu mtlew. Imbagħad ikun wasal il-waqt li ninvestigaw il-possibbilta' li nużaw dan il-materjal sabiex nirriklamaw l-art mill-baħar. Il-Kummissjoni tħoss, iżda, li din il-possibbiltà m'għandhiex tkun ippreżentata bħala soluzzjoni faċli tal-problema. Ikun aktar għaqli li naħdmu biex innaqsu kemm nistgħu mill-ġenerazzjoni ta' dan l-iskart u li nerġgħu nużawh bħala riżorsa.

## 2.6 Separazzjoni ta' l-iskart

Ħafna mill-miri ta' l-Istrateġija jiddependu fuq kemm se jirnexxilna bħala soċjetà nisseparaw l-iskart li nipproduċu qabel ma dan jasal sabiex niddisponu minnu b'xi mod. Din is-separazzjoni hija essenzjali sabiex l-isforsi li nerġgħu nagħmlu użu minn dan l-istess skart jirnexxu. Per eżempju, il-kwalità ta' kompost tilħaq biss dik mixtieqa jekk l-iskart domestiku li jkun sejjer għal dan il-proċess ikun magħżul minn qabel. Il-Kummissjoni temmen li jinħtieġ isiru ferm aktar sforzi minn kulħadd sabiex dawn l-isforzi jibdew jagħtu l-frott meħtieġ. Per eżempju, il-Kummisjoni ma tista' tara l-ebda raġuni valida li tispjega għaliex mhux il-kunsilli lokali kollha qed jimplimentaw b'impenn il-proġett tal-BRING IN SITES. Dan il-proġett għandu jkollu l-appoġġ ta' kulħadd. Fl-istess waqt, l-isforzi għas-separazzjoni ta' l-iskart m'għandhomx jieqfu ma' dan il-proġett biss. Nifhmu li l-WasteServ qed taħdem fuq diversi inizjattivi għal dan il-għan.

## 2.7 L-użu ta' l-iskart għall-enerġija

L-Istrateġija oriġinali dwar l-iskart tat l-ewwel prijorità lill-isforzi sabiex innaqqsu u nisseparaw l-iskart. Iżda jekk dawn l-isforzi ma jirnexxux kif kien ippjanat, allura l-Istrateġija kienet lesta tikkonsidra l-użu ta' l-iskart sabiex niġġeneraw l-enerġija. L-aktar mod dirett li dan jista' jseħħ huwa permezz ta' inċineratur. Sakemm l-impatt ta' din it-teknoloġija ma jkunx wieħed negattiv fuq l-ambjent u s-saħħa, din l-alternattiva hi waħda raġunata, l-aktar meta wieħed jikkonsidra li għad-daqs ta' pajjiżna s-soluzzjoni li nirrikorru għall-ftuħ ta' aktar miżbliet m'għadhiex tagħmel sens.

Sfortunatament, ħafna mill-inċineraturi li sa issa kellna l-esperjenza tagħhom f'Malta kienu aktar għamla ta' fran ineffiċjenti, milli inċineraturi fil-veru sens tal-kelma. Eżempju ta' kif ma għandux jaħdem inċineratur huwa dak ta' l-Isptar San Luqa. Għalhekk, wieħed ma jiskantax jekk proposta biex jinbnew xi inċineraturi ċentrali (wieħed jew aktar) biex fih jinħaraq l-iskart domestiku, wisq probabbli issib oppożizzjoni minn ħafna nħawi u minn bosta entitajiet. Fi ftit kliem, ikun diffiċli li nikkonvinċu

lill-poplu dwar xi inċineratur modern li jaħdem kif suppost mingħajr ħsarat ambjentali u għas-saħħa. Dan għaliex ħafna nies tilfu l-fiduċja fir-responsabbiltà (*accountability*) ta' l-operaturi ta' dawn l-impjanti.

L-effiċjenza ta' kull mezz teknoloġiku wżat fl-immaniġġjar ta' l-iskart, fl-aħħar mill-aħħar tiddependi biss minn kemm l-operaturi jkunu lesti jerfgħu r-responsabbiltà tax-xogħol tagħhom li jħaddmu l-impjant kif suppost. Il-Kummissjoni hi ta' l-opinjoni li l-fiduċja tal-poplu f'dan is-sens ta' responsabbiltà (*accountability*) tinbena bil-mod il-mod frott ta' esperjenzi pożittivi ta' kif l-awtoritajiet lokali jġorru il-piż ta' din ir-responsabbiltà u tal-mod kif jaqdu dmirhom lejn is-soċjetà.

Sfortunatament, dan is-sens ta' responsabblita' għadu nieqes sew. Għalhekk qabel ma naslu sabiex nimplimentaw xi miżuri teknoloġiċi (bħall-inċineratur jew xi teknoloġija simili) fl-Istrateġija fuq l-iskart, jeħtieġ li jkollna proċess għaqli u ġenwin ta' kif inrawmu l-fiduċja tal-poplu tagħna mhux biss fit-teknoloġija fiha innifisha, iżda wisq aktar f'kemm l-awtoritajiet (kemm dawk ċentrali, kif ukoll l-operaturi ta' l-istess impjanti) jkunu lesti jerfgħu r-responsabbiltà quddiem il-poplu għal kull problema "mhux prevista" li tista' tinqala' minħabba xi nuqqas ta' kompetenza min-naħa tagħhom. F'dan is-sens, issa li Malta hija obbligata li tobdi id-direttivi u regolamenti kollha tal-ħarsien ta' l-ambjent ta' l-Unjoni Ewropeja, il-pubbliku għandu jagħraf li din l-*accountability* min-naħa ta' l-awtoritajiet konċernati hija ferm aktar meħtieġa u infurzata. Mhux talli hekk, talli l-Unjoni Ewropea tagħti aktar saħħa u skop lill-għaqdiet volontarji u anke liċ-ċittadin individwali sabiex jagħmluha ta' gwardjani ta' l-ambjent fl-istess interessi tagħhom. Minbarra dan, bħalma jsir f'pajjiżi oħra, il-poplu jista' jinżamm infurmat minnufih (*real time)* bil-kwalità ta' arja li tkun ħierġa mill-impjanti, permezz ta' tabelluni elettroniċi li jimmoniterjaw kontinwament is-sitwazzjoni.

Fl-istess waqt, il-Kummissjoni tifhem li hemm teknoloġiji oħra (minbarra l-inċinerazzjoni) biex niġġeneraw l-enerġija mill-iskart li jinħtieġ ikunu investigati aktar fid-dettal sabiex, jekk ikun xieraq, dawn it-teknoloġiji jkunu applikati b'mod sostenibbli. F'dan ir-rigward, nistennew bil-ħerqa r-rapport li, kummissjoni imwaqqfa apposta sabiex tistħarreġ dan is-suġġett, se tippubblika fil-ġejjieni qrib.

## 2.8 Landfilling

L-iskart huwa prodott esklussiv tal-bniedem modern u l-mod li bih iġib ruħu. Infatti, fin-natura nsibu li ftit li xejn jeżisti skart. Dak li tarmi ħlejqa partikulari jintuża' minn ħlejqa oħra . Dak li għal ħlejqa hu skart, għal oħra hu riżors meħtieġ. Dan huwa l-prinċipju fundamentali li jgħaqqad l-ekosistema kollha, fejn komunitajiet sħaħ ta' ħlejjaq jgħixu f'armonija flimkien. Sfortunatament, il-bniedem modern għadu wisq supperv biex jifhem din il-verità u minflok li fl-iskart li jiġġenera jara riżors, jara biss żibel li jrid jiddisponi minnu ... u b'hekk jitwieldu l-miżbliet.

Ta' min jinnota li l-Istrategija timxi fuq il-linji ta' gwida ta' l-Unjoni Ewropea, li jobbligaw lill-pajjiżi msieħba sabiex, fl-isforzi tagħhom biex jimmaniġġaw l-iskart, jagħtu lil-landfilling l-aħħar prijorità ... aktar u aktar f'pajjiżi żgħar bħal tagħna fejn l-ispazju hu wieħed limitat ħafna. Dan ifisser li rridu nagħmlu minn kollox sabiex innaqqsu l-ammont ta' skart li jasal sabiex jindifen fil-landfills tagħna. Dan għandna nagħmluh billi nkunu għaqlin biżżejjed li nagħrfu kif nerġgħu nużaw l-iskart li nipproduċu bħala riżors. Il-Kummissjoni tispera li, fil-verżjoni riveduta ta' l-Istrategija, dan il-prinċipju mhux biss ikun aċċettat, iżda jkun ukoll ipprattikat u applikat b'mod effettiv permezz ta diversi għodod maniġerjali.

## 2.9 Tipi Oħra ta' Skart

L-Istrateġija tqis ukoll skart speċjali bħalma huwa dak iġġenerat mill-biċċerija, mill-portijiet, mill-ajruport u mill-qasam tas-saħħa. Dan l-aħħar tip ta' skart (dak iġġenerat mill-isptarijiet, eċċ) huwa ta' perikolu akbar minn skart ieħor u għalhekk jinħtieġlu attenzjoni speċjali. Sfortunatament, ftit hemm sinjali li l-immaniġġjar ta' dan l-iskart irnexxielna nintegrawh b'suċċess mal-bqija tal-Pjan Strateġiku dwar l-Immaniġġjar ta' l-Iskart. Il-Kummissjoni tħoss li d-dettalji dwar dan l-iskart għadhom mhux magħrufa biżżejjed speċjalment mill-poplu sabiex dan ikun jista' jieħu sehem b'mod intelliġenti fid-diskussjoni (kif għandu kull dritt li jagħmel) dwar kif dan l-iskart għandu jkun immaniġġjat. X'inhuma l-problemi li qed jostakolaw l-għeluq ta' l-inċineratur preżenti ta' l-Isptar San Luqa?

Kemm se tiswa t-teknoloġija tal-*'microwaving'* jekk din se tkun addottata għal dan it-tip ta' skart? Kemm aħna ċerti mill-vantaġġi ta' din it-teknoloġija?

Skart ieħor li donnu mhux qed jingħata każ tiegħu biżżejjed huwa dak iġġenerat mit-trobbijja ta' l-annimali u dak mit-tisfija tad-drenaġġ. Jidher li l-impatt ambjentali ta' l-iskart mit-trobbijja ta' l-annimali jista' jkun sinifikattiv speċjalment meta dan l-iskart jintrema mhux skond kif titlob il-liġi. Jinħtieġ li dan l-iskart ikun immaniġġjat skond il-linji ta' gwida spjegati fl-Istrateġija, fosthom li dan ikun ittratatt kemm huwa possibbli fl-istess reġjun li minnu jkun ġie. Dan ikun jirrikjedi wkoll koordinazzjoni tajba bejn id-diversi awtoritajiet konċernati. Dwar l-iskart mit-tisfija tad-drenaġġ li preżentement qiegħed jintrema' l-baħar, il-Kummissjoni tispera li jkunu implimentati mill-aktar fis possibbli l-pjanijiet sabiex din il-prattika tinqata'.

## 2.10 L-Iżvilupp propost f'Sant'Antnin

Il-Kummissjoni hi ta' l-opinjoni li l-iżvilupp propost fl-impjant ta' l-iskart f'Sant Antnin jinħtieġ ikun evalwat fid-dawl tal-prinċipji li fuqhom kienet mibnija l-Istrateġija ta' Immaniġġjar ta' l-Iskart Solidu għall-Gżejjer Maltin. Sabiex tagħmel dan, il-Kummissjoni eżaminat ir-rapport tal-WasteServ Malta Ltd. (Ottubru 2004) *Composting Plant & Materials Recycling Facility at Sant'Antnin Waste Treatment Plant, Malta. Environmental Statement.* October 2004 (ES,2004)

Il-Kummissjoni diġa' espremiet l-oġġezzjonijiet tagħha fid-dettal dwar dan l-ES lill-awtoritajiet konċernati u tispera li dawn l-oġġezzjonijiet se jkunu indirizzati fl-Environmental Statement li jmiss, li tħejja bħala riżultat ta' l-applikazzjoni ġdida għall-iżvilupp modifikat f'Sant Antnin li l-Wasteserv ippreżentat lill-MEPA. Fil-qosor, dawn l-oġġezzjonijiet għal dan l-iżvilupp kif spjegat fl-ES (2004) kienu ġustifikati għal dawn ir-raġunijiet:

a) Mhuwiex konformi mal-prinċipji ta' l-Istrateġija kif spjegati aktar qabel f'din l-OPINJONI, fosthom il-prinċipju ta' l-iżvilupp sostenibbli; il-prinċipju tal-prossimita' u l-awtosuffiċjenza (fejn kull komunita' trid

tagħraf ir-responsabbiltà tagħha għall-iskart li tiġġenera); u l-prinċipju prekawzjonali;

b) Ma jiġġustifikax b'mod xieraq l-għażla ta' sit wieħed għal dawk il-faċilitajiet kollha neċessarji sabiex nittrattaw l-iskart solidu kollu tal-pajjiż;

c) Ma sarx attentat serju sabiex jinstabu siti alternattivi;

d) Ma jagħtix analiżi kredibbli ta' l-impatti kollha li l-proġett propost se jkollu fuq il-komunita' ta' Wied il-Għajn fosthom l-impatt soċjo-ekonomiku, dak fuq l-ilma u l-arja, fuq l-ekoloġija u t-trasport.

### 3. Konklużjoni

Din l-OPINJONI dwar l-Istrateġija ta' l-Immaniġġjar ta' l-Iskart Solidu għall-Gżejjer Maltin hi waħda minn serje ta' kontribuzzjonijiet li l-Kummissjoni Ambjent tagħmel minn żmien għal żmien biex tikkontribwixxi fid-diskussjoni pubblika dwar il-kwalita' tal- ħajja tas-soċjetaċ tagħna.

Bla dubju, l-iskart joffri sfida kbira għal pajjiżna, li qed jistinka biex jilħaq il-miri ta' l-iżvilupp sostenibbli. Din l-isfida tieħu dimensjoni ferm akbar bid-densità għolja tal-popolazzjoni tagħna u ċ-ċokon ta' pajjiżna. Minbarra dan, għal ħafna żmien, f'pajjiżna ma kienx hemm l-impenn li hemm illum sabiex l-għażliet li nagħmlu jkunu aktar sostenibbli.

Matul dawn l-aħħar snin saru diversi kisbiet importanti sabiex insolvu l-problema ta' l-iskart, bħat-tfassil ta' l-istess Strateġija, l-għeluq tal-miżbliet tal-Magħtab u tal-Qortin, u l-impenn ta' l-awtoritajiet li deher fir-riżorsi (anke finanzjarji) li huma disponibbli għal dan il-għan. Il-Kummissjoni tħoss li hu importanti li nkomplu għaddejjin b'dan ir-ritmu li qbadna u li ma nitilfux it-triq waqt l-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija.

F'din l-OPINJONI, il-Kummissjoni ikkummentat kif din l-Istrateġija hija mibnija fuq prinċipji sodi, li jekk imħaddma sew huma garanzija li

l-immaniġġjar ta' l-iskart se jkun miexi fuq linji sostenibbli. L-OPINJONI wriet diversi każi fejn dawn il-prinċipji kienu applikati b'suċċess fl-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija, kif ukoll każi oħra fejn dawn il-prinċipji kienu ttraskurati.

Il-Kummissjoni iddeplorat bil-qawwa kollha n-nuqqas ta' responsabblita' ta' min jarmi l-skart b'mod illegali u abbużiv, u bla tlaqliq tgħid li dan l-aġir mhux denn ta' min jistqarr li hu nisrani. Il-Kummissjoni tħoss li l-Istrateġija tirrikjedi minna lkoll bidla fl-istili ta' ħajja li ngħixu, u dan mhux faċli. Huwa għalhekk li l-OPINJONI tisħaq fuq proċess ta' edukazzjoni li matulu ċ-ċittadini jħossuhom li qed jingħataw it-tagħrif u l-ħiliet meħtiega li jgħinuhom jipparteċipaw b'mod attiv fid-deċiżjonijiet fuq l-ambjent li jittieħdu. Il-Kummissjoni tħoss li l-Istrateġija teħtieg aktar sforzi f'din id-direzzjoni.

F'din l-OPINJONI, il-Kummissjoni wriet diversi aspetti fejn din l-Istrateġija tista' tissaħħaħ u titjieb sabiex tilħaq dejjem aktar l-għanijiet mixtieqa. Nisperaw li dawn l-aspetti jkunu indirizzati fil-verżjoni riveduta ta' din l-Istrateġija. Dawn l-aspetti jinkludu: il-bżonn li nenfasizzaw u nsaħħu ħafna aktar s-sehem taċ-ċittadin fid-deċiżjonijiet li jittieħdu, kif ukoll li l-ewwel prijorità għandha tingħata lit-tnaqqis ta' l-ammont ta' skart ġenerat. B'hekk inkunu qed nattakkaw il-kawża u mhux biss is-sintomi tal-problema skart. Il-Kummissjoni tispera li dawn l-aspetti jkunu indirizzati kif jixraq fl-Istrateġija riveduta. Terġa' u tgħid, nisperaw li din ir-reviżjoni tagħti aktar sinjali ċari ta' kif il-prinċipji bażiċi li fuqhom inbniet l-Istrateġija oriġinali, inkluż il-prinċipju tal-prossimità u l-awtosuffiċjenza u l-prinċipju li min iniġġes irid iħallas, ikunu applikati b'mod rigoruż sabiex ir-responsabblità tal-problema nazzjonali ta' l-iskart tkun maqsuma b'mod ġust, għaqli u ekwu fuq id-diversi naħat ta' Malta.

Il-Kummissjoni qed tgħid dan sabiex fil-ġejjieni jkunu evitati rapporti li jmorru kontra l-prinċipji sostenibbli elenkati fl-Istrateġija, bħalma sar fir-rapport ippubblikat f'Ottubru 2004 dwar l-impjant għar-riċiklaġġ proġettat f'Sant'Antnin. Il-Kummissjoni issottomettiet l-oġġezzjonijiet tagħha dwar dan ir-rapport lill-awtoritajiet konċernati u tispera li dawn l-oġġezzjonijiet se jkunu indirizzati fl-Environmental Statement li jmiss, li tħejja bħala riżultat ta' l-applikazzjoni ġdida għall-iżvilupp modifikat f'Sant Antnin li l-Wasteserv ippreżenatat lill-MEPA.

Permezz ta' din l-OPINJONI, il-Kummissjoni trid tkompli tenfasizza li żvilupp veru, żvilupp sostenibbli, hu dak li jsib bilanċ bejn interessi ekonomiċi, interessi ambjentali u interessi soċjali. Biex dan iseħħ, jeħtieġ riflessjoni serja tal-qagħda li nkunu fiha, sett ta' valuri li jpoġġu l-ġid komuni bħala prijorità ewlenija u proċess wiesgħa ta' konsultazzjoni maċ-ċittadin. Fuq kollox, jinħtieġ maturità politika fl-awtoritajiet ċivili sabiex ikunu flessibbli biżżejjed li jkunu kapaċi jaddattaw deċiżjonijiet li jkunu ħadu u proġetti li jkunu varaw skond il-bżonnijiet emerġenti tas-soċjetà.

**29 ta' Lulju 2005**

## L-ARĊISQOF F'PELLEGRINAĠĠ MAL-MORDA F'LOURDES

Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca se jingħaqad ma' grupp ta' morda li fis-sigħat bikrin tal-Ħadd, 31 ta' Lulju 2005, se jmorru Lourdes f'pellegrinaġġ li jiġi organizzat kull sena mill-Għaqda Maltija għat-Trasport tal-Morda f'Lourdes.

Fil-jiem li Mons. Mercieca se jkun imsiefer, id-dmirijiet ta' Arċisqof se jkunu f'idejn Mons. Isqof Annetto Depasquale, bħala *Locum Tenens.*

**30 ta' Lulju 2005**

# Tifkira tal-mewt tal-Qaddej ta' Alla, L-Isqof Emanuel Galea

Il-Viċi Postulatur u s-Sorijiet ta' Ġesu' Nazzarenu jistiednu bil-qalb kollha lis-saċerdoti u l-lajċi kollha biex jieħdu sehem f'Konċelebrazzjoni li se ssir nhar l-Erbgħa, 24 ta' Awissu 2005, fis-7.00pm fil-Kappella ta' l-Istitut Ġesu' Nazzarenu ż-Żejtun, b'tifkira tal-mewt u d-difna tal-Qaddej ta' Alla l-Isqof Emanwel Galea.

Dawk kollha li gawdewh matul ħajtu fl-Isla, Ħal Tarxien u ż-Żejtun u dawk li ħadu xi għajnuna jew ġid mingħandu bħala Vigarju Ġenerali u bħala Konfessur regolari huma mitluba jieħdu sehem u jitolbu b'ħerqa kbira biex Alla jigglorifikah u jmexxi 'l quddiem il-kawża tal-Beatifikazzjoni tiegħu.

L-Isqof Emanwel Galea, Vigarju Ġenerali u Awziljarju ta' Malta miet, wara marda qasira ħafna, fil-21 ta' Awissu 1974. Wara l-funeral, li għalih attendew eluf ta' Maltin u Għawdxin, u li sar fil-KonKatidral ta' San Ġwann, huwa ġie midfun fiċ-Ċimiterju ta' San Girgor, iż-Żejtun. Il-fdalijiet tiegħu ġew trasferiti għall-Istitut Ġesu' Nazzarenu fil-5 ta' Novembru 1990.

Ħafna qegħdin iżuru l-qabar tiegħu u jitolbuh jinterċedi għalihom quddiem Alla biex jaqilgħu grazzji ta' fejqan u ta' konverżjonijiet. Diversi għaqdiet qegħdin jorganizzaw pellegrinaġġi matul il-ġimgħa. Wieħed jista' jżur il-kmamar tiegħu u ħafna mit-tifkiriet tiegħu li jinsabu esposti hemm.

Mons Alwiġ Deguara
Viċi Postulatur
Kawża għall-Beatifikazzjoni

# OPINJONI TAL-KUMMISSJONI AMBJENT DWAR IT-TIENI PROPOSTA GĦALL-IŻVILUPP FL-IMPJANT TA' SANT'ANTNIN GĦAT-TRATTAMENT TA' SKART SOLIDU

## 1. Introduzzjoni

Il-Kummissjoni Ambjent, imwaqqfa fi ħdan is-Segretarjat Pastorali Djoċesan tal-Arċidjoċesi ta' Malta, qiegħda tippreżenta din l-OPINJONI bħala parti mid-diskussjoni pubblika li qed issir dwar dan l-iżvilupp. Din l-OPINJONI għandha titqies bħala kontinwazzjoni ta' l-OPINJONI dwar l-Istrateġija ta' l-Immaniġġjar ta' l-Iskart Solidu għall-Gżejjer Maltin, ippubblikata fid-29 ta' Lulju 2005 mill-istess Kummissjoni. Dak in-nhar ma kienx possibbli li l-Kummissjoni tistqarr l-ideat tagħha dwar din il-proposta ġdida minħabba li l-*Environmental Statement (ES)*[2] il-ġdid kien għadu ma waslilhiex.

Il-Kummissjoni issa tħoss id-dmir li tesprimi l-fehma tagħha dwar il-proposta u l-ES il-ġdid. Dan l-impjant għandu storja pjuttost imqanqla li bdiet mal-15-il sena ilu. Waqt li beda jopera fl-1993, sa sentejn wara, l-irwejjaħ u nkonvenjenti oħra ikkaġunati minn dan l-impjant kienu ħolqu kontroversja u fervur sħiħ fil-komunitajiet ta' l-inħawi. F'dawn l-aħħar xhur il-proposti mill-WasteServ sabiex dan l-impjant jiġi żviluppat reġgħu qajmu protesti u nkwiet fost dawn l-istess komunitajiet. Il Kummissjoni tħoss li sabiex tagħmel kontribut validu għad-diskussjoni pubblika fuq dan l-impjant u sabiex tasal għal opinjoni xierqa u ġusta fuq dan l-iżvilupp propost, jeħtieġ li tieħu in konsiderazzjoni:

a) X'kienu l-għanijiet li għalihom twaqqaf dan l-impjant;

b) X'wassal għad-diffikultajiet ta' dan l-impjant fis-snin disgħin;

c) X'ġara matul dawn l-aħħar xhur rigward l-ewwel u t-tieni proposta ta' żvilupp f'dan l-impjant;

d) L-ES ta' ġunju 2005.

## 2. L-Impjant s'issa

L-impjant għar-riċiklaġġ ta' l-iskart solidu f'Sant Antnin kien propost fis-snin Tmenin meta l-kunċett ta' stateġija nazzjonali għall-immaniġġjar ta' l-iskart ma kienitx għadu żviluppata sew. Din l-istrateġija bdiet titfassal fil-bidu tas-snin disgħin. Dak iż-żmien, ittieħdet id-deċiżjoni li, sabiex l-iskart jintuża' bħala riżors, tingħata prijorità lill-produzzjoni tal-kompost f'dan l-impjant ta' riċiklaġġ li kien diġa jeżisti.

L-impjant kif ippjanat oriġinarjament kien maħsub li jirċievi madwar 85,000 tunellata ta' skart domestiku mħallat fis-sena. Kien essenzjali li dan l-iskart ikun isseparat sew wara li jasal fl-impjant, sabiex b'hekk materjal organiku u addattat biss jiwassal għall-proċess ta' produzzjoni ta' kompost. Din il-produzzjoni ta' kompost kienet tiddependi fuq proċessi mikro-bijoloġiċi li jkollhom bżonn l-ossiġnu, umdita' u temperatura addattata. L-impjant tal-kompost kien ippjanat sabiex jiżgura li dawn il-fatturi essenzjali jkunu kkontrollati sew u b'hekk il-kwalita ta' kompost tkun tajba. L-impjant beda jopera fl-1993. X'ġara wara?

Hemm indikazzjonijiet li juru li f'kull stadju ta' l-iddisinjar u ippjanar, xogħol ta' kostruzzjoni, u fl-istadju tal-ikkummissjonar tad-diversi faċilitajiet, twettqu diversi żbalji kemm amministrattivi kif ukoll tekniċi. B'riżultat ta' dawn l-iżbalji, sas-sena 1994-95 bdew jidhru difetti strutturali f'dan l-impjant, inkluż: fil-pedamenti, fl-istrutturi tal-konkrit u fis-sistema ta' separazzjoni ta' l-iskart. F'ċerti nħawi saħansitra l-art kienet bdiet iċċedi. B'riżultat ta' dawn id-difetti u forsi anke ta' nuqqas ta' esperjenza u responsabbilta', l-impjant ma bediex jaħdem kif suppost. Il-proċess ta' separazzjoni ta' l-iskart (li kien jiddependi fuq diversi tipi ta' apparat mekkaniku u ta' l-inġinerija) kien difettuż u l-kwalita' ta' skart organiku li beda jasal sabiex jinbidel f'kompost ma kienetx qed tkun dik mixtieqa. Waqt il-produzzjoni ta' l-istess kompost, il-kundizzjonijiet ta' arja, umdita' u temperatura ma kienux ikkontrollati kif kien oriġinalment ippjanat. Minn barra dan, is-sistema għat-tisfija ta' l-arja (*filtering*) ma kenitx qed taħdem kif suppost.

B'riżultat ta' dan kollu, bdew ħerġin minn dan l-impjant rwejjaħ li bdew jikkaġunaw inkonvenjent (jekk mhux ukoll ħsara għas-saħħa) għar-

residenti tal-madwar. Sadanittant il-produzzjoni ta' kompost qatt ma laħqet la l-kwalita' u wisq anqas il-kwantita' li għalihom kien ippjanat dan l-impjant. Matul is-snin 1997-1998 l-awtoritajiet kellhom jaċċettaw il-fatt li kif kien ippjanat l-impjant qatt ma kien ser jilħaq il-miri kollha li għalihom kien inbena. Fi sforzi sabiex jittaffu l-problemi ambjentali, kienet tbiddlet ukoll is-sistema ta' produzzjoni ta' kompost u bdiet tintuża sistema msejħa Eco-Pod, fejn il-kompost jkun prodott waqt li l-iskart ikun miżmum ġewwa boroż twal tal-plastik. Għalkemm il-problema ta' l-irwejjaħ ittaffiet, il-produzzjoni tal-kompost baqgħet inferjuri u qatt ma laħqet aktar minn 4,000 tunnellata, filwaqt li l-ammont ta' skart trattat qatt ma laħaq aktar minn 35% ta' dak ippjanat oriġinarjament.

### 3. Żviluppi f'dawn l-aħħar xhur.

Is-sena l-oħra, Il-WasteServ resqet applikazzjoni għall-iżvilupp tal-impjant f'Sant Antnin. Dan kien pratttikament jinvolvi it-twaqqiegħ u l-bini mill-ġdid ta' l-impjant eżistenti sabiex ikjun jista' jilqa' massimu ta' 200,000 tunellata skart fis-sena, jiġifieri l-parti l-kbira ta' l-iskart domestiku ta' dawn il-gżejjer.

Fl-ewwel OPINJONI li l-Kummissjoni ħarget fuq dan is-suġġett kienet espremiet l-oġġezzjonijiet tagħha fil-qosor dwar din il-proposta oriġinali għall-iżvilupp f'Sant Antnin, u b'mod partikulari għall-ES ippreparat għall-Wasteserv f'Ottubru ta' l-2004: *Composting Plant & Materials Recycling Facility at Sant'Antnin Waste Treatment Plant, Malta. Environmental Statement.* October 2004 (ES,2004).Il-Kummissjoni ssottomettiet għall-attenzjoni ta' l-awtoritajiet konċernati dettalji dwar dawn l-oġġezzjonijiet qabel ma ppublikat l-ewwel OPINJONI tagħha.

Fl-istess waqt, il-komunitajiet ta' l-inħawi wrew it-tħassib tagħhom li ser jintlaqqtu bil-kbir minn dan l-izvilupp kif oriġinarjament propost, u ressqu lmenti w oġġezzjonijiet. Fid-dawl ta' l-esperjenza relattivament riċenti ta' dan l-impjant, kif spjegat fil-qosor aktar qabel, żgur li ħadd ma seta' jlum ir-rejazzjoni ta' dawn ir-residenti.

Lejn l-aħħar ta' Lulju 2005, il-WasteServ, resqet applikazzjoni ġdida

bi pjanijiet ġodda għal dan l-impjant. ħejjiet ukoll *Environmental Statement* ġdid (ES, ġunju 2005).

Il-Kummissjoni tinnota b'sodisfazzjon li ħafna mill-oġġezzjonijiet li kellha għall-iżvilupp (kif propost qabel) kienu indirizzati fil-proposta l-ġdida. Kif imsemmi fit-tieni paġna ta' l-Introduzzjoni ta' ES il-ġdid, din il-proposta l-ġdida hi emenda sostanzjali tal-proġett li kien propost oriġinarjament. Il-proposta l-ġdida:

(a) hi konformi mal-prinċipji ta' l-Istrateġija ta' l-Immaniġġjar ta' l-Iskart Solidu għall-Gżejjer Maltin[3], kif ukoll mal-Local Plans u *policies* oħra ta' l-ippjanar;

(b) tipproponi żvilupp li hu sostenibbli, jiġifieri li jipprova jsib bilanċ bejn l-interessi ekonomiċi, l-interessi soċjali u l-interessi ambjentali;

(ċ) issemmi kemm-il darba li l-ammont ta' skart li ser jkun ipproċessat fl-impjant propost qatt m'huwa ser jaqbeż l-71,000 tunnellata fis-sena. Dan l-ammont, imbarra li hu riduzzjoni sostanzjali ta' dak propost oriġinarjament, hu inqas minn l-ammont li għalih kien mibni l-Impjant ta' Sant'Antin fl-1993;

(d) twiegħed li l-bidliet li ser jsiru fil-makkinarju użat għat-trattament ta' l-iskart (eż. it-trattament ta' l-iskart fil-magħluq), minbarra li sa jagħmlu l-impjant aktar effiċjenti, għandhom bħala priorità li jnaqqsu sostanzjalment l-inkonvenjent u l-periklu għas-saħħa tan-nies tal-lokalitajiet konċernati b'mod dirett mill-iżvilupp;

(e) turi aktar responsabbiltà fil-mod kif l-impjant sa jkun rinnovat billi tipproponi użu aktar għaqli ta' strutturi li diġa hemm fil-post u kif ukoll għall-iskart ta' kostruzzjoni ġġenerat mix-xogħolijiet li ser jsiru; u

(f) twiegħed li l-impjant rinnovat ser jkun qed jilqa' fih skart ġenerat prinċipalment min-Nofs in-Nhar ta' Malta.

Fil-pjanijiet il-ġodda, hemm tnaqqis sostanzjali kemm fid-dimensjoni

ta' l-iżvilupp kif ukoll fl-ammont ta' skart li ser jkun iproċessat fih (terz ta' dak propost oriġinalment fl-ewwel ES). Dan il-fatt waħdu jnaqqas sinifikament, ħafna mill-impatti negattivi li kien sa jkollu l-iżvilupp kif propost fil-bidu. Il-Kummissjoni tinnota li din il-bidla kienet tirrikjedi sens ta' impenn u sensittivita' min-naħa ta' l-awtoritajiet konċernati lejn x'jaħsbu il-komunitajiet ta' l-inħawi.

Minħabba dawn il-fatturi msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni taqbel fil-prinċipju ma' l-iżvilupp kif qed ikun propost issa.

Waqt li tagħmel dawn l-osservazzjonijiet, il-Kummissjoni tħoss li għandha tikkummenta dwar xi nuqqasijiet li jidhru fl-ES ta' ġunju 2005. Dokument ta' '*Environmental Statement*' u *Environmental Impact Asessment*' għandu jkun dak li t-titolu jgħid li hu: evalwazzjoni oġġettiva, serja u kemm jista jkun kwantitattiva tad-diversi impatti identifikati. Wara li mbagħad jissuġġerixxi x'jista' jsir sabiex dawn l-impatti jitnaqqsu (*mitigation measures*), id-dokument għandu jippreżenta data u argumenti ċari li fuqhom kemm l-evalwatur stess kif ukoll min qed jaqra jkunu jistgħu jaslu għall-konkluzjonijiet tagħhom dwar dawn l-impatti. Sfortunatament, dan ma sarx fis-sezzjonijiet kollha ta' l-ES prezenti.

Fl-istess waqt, il-Kummissjoni tħoss li nuqqasijiet bħal dawn jistgħu jikkumplikaw is-sitwazzjoni u jekk xejn, jagħmulha aktar diffiċli li jintlaħaq qbil mibni fuq fiduċja bejn l-awtoritajiet konċernati u ċ-ċittadini li jħossuhom milquta minn dan l-iżvilupp.

## 4. Nuqqasijiet fit-Tieni ES dwar l-iżvilupp fl-impjant ta' Sant Antnin

Dawn in-nuqqasijiet qed jiġu identifikati bl-intenzjoni li kemm huwa possibbli, jkunu ndirizzati b'mod sodisfaċenti waqt il-proċess li għad fadal ta' konsultazzjoni pubblika sakemm jasal il-waqt ta' deċizjoni finali fuq dan l-impjant. Ninsabu fiduċjużi li kif diġa sar qabel, fejn huwa possibbli, kritika bħal din tkun ikkunsidrata kif xieraq.

## 4.1 Siti alternattivi

Bħalma ġara fl-ewwel ES, fl-għażla tat-tliet siti alternattivi, msemmija fit-tieni *statement*, ma sarx attentat serju biex ikunu proposti alternattivi kif jitolbu t-terms of reference tal-MEPA. Infatti l-MEPA setgħet tissuġġerixxi siti alternattivi ħafna aktar addattati speċjalment f'termini ta' daqs u qies ta' l-art. Is-sit tal-Mara (Birżebbuġa) u s-sit ta' l-Għallis qatt ma messhom kienu kkunsidrati għax mhumiex siti industrijali kif titlob Policy SWM8 (ara p.13). Kien ikun aktar għaqli jekk f'dan il-każ fejn qed jkun propost titjib ta' impjant diġa eżistenti, ma jkunx hemm il-bżonn li jsir eżerċizzju bħal dan.

## 4.2 L-impatt soċjo-ekonomiku

Mhux diffiċli li tipprevedi li proposti bħal dawn jiġġeneraw oġġezzjonijiet mill-komunitajiet konċernati. Għalhekk wieħed kien jistenna li din is-sezzjoni kienet ser tkun l-aktar sezzjoni maħduma b'reqqa. Imma hemm diversi fatturi li jikkonfermaw li din l-analiżi ma saritx bir-reqqa mistennija.

- Bl-eċċezzjoni ta' xi partijiet żgħar, l-analiżi hi bażikament l-istess waħda li kienet saret għall-ewwel ES li kien qed jipproponi żvilupp differenti ħafna minn dak propost issa. B'hekk intilfet opportunità tad-deheb li wieħed jara l-opinjoni tal-komunitajiet konċernati dwar il-proposti l-ġodda.

- Fost it-tim ta' esperti li nħatru biex ikun ippreparat dan id-dokument jidher li ma hemm l-ebda soċjologu, minkejja li tissemma l-Kumpanija Enfusion (p.3). Id-dokument isemmi li l-impatt soċjo-ekonomiku tfassal fuq "bażi tal-ġudizzju professjonali bbażat fuq l-esperjenza ta' faċilitajiet komparabbli" (p.169). Filwaqt li m'hemm l-ebda informazzjoni dwar il-kompetenza fis-suġġett ta' min għamel dan il-ġudizzju professjonali, wieħed jistaqsi liema kienu l-faċilitajiet komparabbli (jiġifieri li jaqblu mal-karatteristiċi

tal-lokalità fejn hu propost l-iżvilupp) li magħhom sar dan il-paragun?

- L-impatt soċjo-ekonomiku tal-proġett li jinkludi t-turiżmu, l-impjiegi, l-popolazzjoni, l-użu ta' l-art u l-kultura kien deċiż minn *desk-based study* u billi r-riżultati proposti huma l-istess bħal dawk ippreżentati fl-ewwel dokument, wieħed jassumi li għal din l-analiżi reġa' ma sarx social impact survey (bħalma kien ġara fl-ewwel dokument). Jidher li dawn l-esperti kienu aktar sodisfatti b'metodoloġija fejn l-uniku kuntatt li sar mal-kommunità tal-lokal kien permezz ta' 34 telefonata u laqgħa waħda mal-Kunsill Lokali ta' Marsascala. Fit-tieni dokument wieħed kien jistenna li l-esperti kummissjonati għallinqas jikkonsultaw kampjun żgħir mill-patafjun ta' kitbiet ippubblikati bħala reazzjoni għall-ewwel proposta. Imma minn dan m'hemm xejn.

- Jekk, kif isostni l-ES, l-isfera ta' influenza tal-proġett hi ta' kilometru 'l bogħod mill-impjant (p.168), għaliex meta jitqies l-użu ta' l-art madwar l-impjant (f'Table 15/2, p.173) d-dokument jagħti każ biss ta' distanza ta' nofs kilometru (500m)?

- Is-sample magħżul għas-survey hu effettivament ta' 34 (li minnhom 3 huma residenti fis-Sajf biss ... f'popolazzjoni ta' madwar 5,800, dan jirrappreżenta 0.5% tar-residenti ... mhux 1% kif isostni d-dokument). Minbarra hekk it-totali għar-risposti (murija fit-tabella u l-*pie charts* ) mhux dejjem jammontaw għall-34 (jew 38 ... meta tinkludi dawk li ma irrispondewx) imma jvarjaw minn 29 għal 47. M'hemm l-ebda indikazzjoni tal-ħin li fih saru t-telefonati (i.e. is-*sampling* tad-data). Dan hu importanti ħafna biex wieħed jinterpreta r-riżultati minħabba l-bias tas-sample (per eżempju, 74% tas-sample huma nisa).

- L-analiżi tas-survey soċjo-ekonomiku (Sezzjoni 15.5) hi waħda superfiċjali ħafna. Għalkemm din is-sezzjoni (Nru.15) hi fost l-itwal li hemm fid-dokument, l-'analiżi' tas-survey (jekk tneħħilha r-repetizzjonijiet ta' partijiet oħra tad-dokument li fiha) hi ta' kważi nofs paġna. Mhux biss, imma m'hemm l-ebda attentat biex ikun hemm interpretazzjoni tar-riżultati miksuba. Eż.: id-dokument

issemmi biss li numru kbir ta' persuni semmew problemi assoċjati ma' intiena u li ftit semmew il-ħmieġ fit-toroq minħabba t-trasport ta' l-iskart (p.198). M'hemmx attentat biex joffri spjegazzjoni dwar dan, bħal ngħidu aħna li l-intejjen jaffettaw area aktar wiesgħa u għalhekk jinħassu aktar mill-impatt li jistgħu jħallu l-iskammels fit-toroq.

## 4.3 Wirt Kulturali

L-impatti diretti fuq xi siti (bħall-Kappella ta' Sant Antnin) li dan l-iżvilupp jista' jkollu huma limitati. Din il-parti ta' l-ES hija sodisfaċenti u l-mod li bih ġew identifikati u mkejla d-diversi impatti huwa oġġettiv. Fl-istess waqt il-Kummissjoni tissuġġerixxi li minħabba l-impatt fuq il-Kappella ta' Sant Antnin, li qegħdha biss 120m il-bogħod mis-sit ta' l-impjant, għandhom jittieħdu passi sabiex dan il-bini storiku ikun protett.

## 4.4 Il-ġeoloġija, Idroloġija u Idroġeoloġija

Ir-rapport jikkonkludi li l-impatti identifikati jistgħu jkunu ikkontrollati jew mitigati b'suċċess. Fost affarijiet oħra, ir-rapport jgħid li dan is-sit mhux normalment espost għal xi għarar tax-xita (fejn ikun ikkwotat il-Pjan Lokali għan-naħa l-isfel ta' Malta, tal-2002). Skond rapport ieħor ta' Grontmij (1996), l-amministraturi ta' l-impjant ta' Sant Antnin kienu ikkonfermaw fl-1996 li l-impjant ġieli jinfaqa' bl-ilmijiet tax-xita meta din tagħmel bil-qliel (*"The management of Sant Antnin waste treatment plant mentioned that during rain storms parts of the terrain get inundated"*).

Waqt li huwa possibbli li ħafna mill-impatti u riskji identifikati (bħal meta l-ilmijiet imniġġsa li jkunu daħlu fl-impjant inixxu fil-blat jew jinġarru sal-bajja ta' Wied il-Għajn) jistgħu jitnaqqsu għall-livelli aċċettabbli permezz ta' diversi prekawzjonijiet, id-dokument (hekk kif kien l-ewwel ES) hu xi ftit inġenwu meta juri fiduċja għamja li dawn il-prekawzjonijiet ser jaħdmu dejjem u mhux lest jikkonsidra x'jista' jiġri jekk dawn il-prekawzjonijiet isibu xi ntopp (uman jew teknoloġiku).

### 4.5 Impatt Viżiv u Pajsaġġ

It-tieni ES jikkonkludi li dawn l-impatti għandhom ikunu minimi, speċjalment minħabba l-mod ta' kif ser ikun ippjanat l-impjant il-ġdid. Din il-konklużjoni tidher aċċettabli speċjalment meta tqis li d-disinji ġodda ma jikkontemplawx tibdil esaġerat fl-istrutturi eżistenti.

### 4.6 Ekoloġija

Din il-parti ta' l-ES (bħal xi partijiet oħra) tagħmel l-iżball fundamentali li flok tidentifika u tevalwa l-impatti kif meħtieġ f'rapport bħal dan, tħallat dan il-proċess ma' diskussjoni ta' x'jista jsir sabiex dawn l-istess impatti jkunu ikkontrollati u fl-istess nifs tassumi li din il-mitigazzjoni ser tirnexxi dejjem. Allura naturalment ma jibqax ħlief konkluzjoni waħda: li l-impatti huma insinjifikanti. Kif spjegat aktar qabel, dan m'huwiex il-mod ta' kif għandhom jitħejjew dokumenti bħal dawn.

Kien għalhekk li l-evalwazzjoni ta' impatti fuq l-ambjent naturali kienet xi ftit jew wisq superfiċjali, speċjalment meta tqis li hija bbażata fuq studju qasir li sar fix-xhur tas-Sajf meta l-komunitatjiet naturali ta' l-inħawi, bħal dawk ta' Wied il-Baruni, ma jkunux żviluppati bħal fix-xhur tax-Xitwa u r-Rebbiegħa. Bħala ftit eżempji ta nuqqasijiet ta' din il-parti tar-rapport insemmu:

(a) kif ftit li xejn kien evalwat l-impatt li jista' jkun hemm mill-ġenerazzjoni ta' trab fl-arja waqt il-kostruzzjoni ta' l-impjant.. Veru li dan l-impatt wisq probabbli li ser ikun ferm inqas minn dak li kien ikun ikkaġunat mill-ewwel proposta ta' żvilupp. Iżda seta' jsir sforz sabiex jiġi estimat l-ammont ta' trab li jista' jinġarr bl-arja waqt il-kostruzzjoni jew waqt l-operat ta' l-impjant kif propost issa.

(b) espressjonijiet ġeneriċi bħal "*population explosions could arise in some animals and others could disappear due to competition*" juru nuqqas ta' dettalji xjentifiċi li wieħed jistenna f'rapport aktar komplut.

(c) ir-riskji kollha identifikati kienu mwarrba sempliċiment għax l-ES isostni li sa jkun hemm modi kif dawn ir-riskji jkunu ikkontrollati bi pjanijiet ta' kontinġenza "*for any accidental situations that may arise*"!

## 4.7 Traffiku

Filwaqt li fl-ewwel proposta ta' żvilupp, kien ser jkun hemm żieda ta' 390 vjaġġ ta' trakkijiet mimlija skart kuljum, l-ewwel ES (2004) qies li l-impatt fuq it-toroq ta' l-inħawi kien ser ikun aċċettabbli. Naturalment, jekk l-ammont ta' skart li sa jasal fl-impjant bil-proposta l-ġdida ser jitnaqqas bi 65%, it-tieni ES (2005) iqis dan l-impatt negliġibbli. Waqt li l-Kummissjoni taqbel li l-impatt taż-żieda fit-traffiku u d-danni li jġib miegħu issa neċessarjament ser jkunu inqas, xorta tixtieq tagħmel dawn l-osservazzjonijiet li ġejjin dwar kif tkejlu dawn l-impatti.

Mill-esperjenza jidher ċar li bil-volum preżenti tat-traffiku diġa jeżistu problemi għaċ-ċirkulazzjoni tat-traffiku f'ċerti ħinijiet speċjalment fuq ir-rotot bħal 26 u 8. Ir-rapport donnu jinjora dawn il-problemi attwali u kif dawn jistgħu jiggravaw bl-iżvilupp propost. Fl-evalwazzjoni ta' l-impatt tat-traffiku kienu applikati l-Linji ta' Gwida tar-Renju Unit (UK Guidelines for Traffic Impact Assessment, 1994), sabiex żieda ta' 5% tkun tfisser impatt mhux aċċettabli f'inħawi ta' konġestjoni. Fl-istess waqt, *it-threshold* għall-impatt fuq l-ambjent huwa bbażat fuq żieda ta' 30%. L-applikazzjoni ta' dawn il-parametri saret mingħajr ġustifikazzjoni ta' xejn u mingħajr l-ebda attentat sabiex jaraw jekk dan *it-threshold* japplikax għaċ-ċirkustanzi u karatteristiċi ta' l-ambjent Malti.

Ta' min josserva li f'Malta, kemm it-traffiku kif ukoll il-kundizzjonijiet ambjentali huma differenti minn dawk fir-Renju Unit, per eżempju:

- it-triqat huma ġeneralment inqas ippjanati b'mod koordinat u maħsub;
- jeżistu ferm aktar uċuħ u partijiet mill-pajsaġġ li huma iebsa u li għalhekk jirriflettu l-ħsejjes aktar;

- il-klima hija aktar niexfa u t-trab fl-arja huwa aktar prevalenti u jinfirex;
- il-maltempati tax-xita qosra iżda qawwija li jkollna jwasslu għal aktar ħmieġ miġbur fit-toroq li mbagħad jinġarr għall-baħar.

Minħabba din id-differenza fil-kundizzjonijiet, l-applikazzjoni ta' *thresholds* trid issir b'ferm aktar galbu u kawtela. Dikjarazzjonijiet kategoriċi li xi mpatti huma insinjifikanti, mingħajr l-ebda attentat biex dawn l-affermazzjonijiet ikunu ġġustifikati permezz ta' informazzjoni kwantitattiva, m'humiex flokhom.

Ta' min josserva li ħafna mit-trakkijiet taż-żibel użati f'Malta huma importati mir-Renju Unit u ġeneralment mhux f'kundizzjonijiet perfetti. L-esperjenza ta' kuljum turina li ħafna minn dawn it-trakkijiet spiss jarmu dħaħen u jagħmlu ħsejjes aktar milli suppost. Id-daqs tagħhom u l-limitazzjoni fil-manuvrabilta' tagħhom jikkawża impatt fuq it-traffiku ferm akbar minn karozzi normali. Il-Kummissjoni għandha dubji kemm dawn il-fatturi kollha (u mhux biss id-daqs u t-toqol) ittieħdu in konsiderazzjoni fit-tħejjija ta' l-ES.

Ir-rotta 26.1 tgħaddi minn inħawi residenzjali u fil-preżent it-traffiku minnha diġa huwa ta' inkonvenjent. Anke jekk ma jsirx dan l-iżvilupp fl-impjant ta' Sant Antnin, din is-sitwazzjoni ta' dawn it-toroq arterjali hemm bżonn li tkun irranġata. Għalhekk anke jekk il-proposta il-ġdida ta' kif ser ikun żviluppat l-impjant ta' Sant Antnin issa, toħloq impatt addizzjonali minimu, il-Kummissjoni tħoss li għandhom ikunu identifikati miżuri korrettivi li għandhom ikunu identifikati bil-galbu u b'mod oġġettiv.

Dawn huma xi eżempji ta' azzjonijiet korrettivi li jistgħu jsiru fuq dawn it-trakkijiet taż-żibel:

- jinbiddlu għal oħrajn iżgħar fid-daqs u aktar moderni;
- jinżammu nodfa u f'kundizzjonijiet ferm aħjar mill-preżent;
- ma jintużawx għall-ġarr ta' skart waqt il-ħinijiet fejn it-toroq ikunu l-aktar traffikużi;

## 4.8 Agrikoltura

L-ES jasal għall-konklużjoni li l-impatt fuq il-biedja tal-post ser jkun wieħed minimu. Fl-istess waqt l-impatt li jista' jinħoloq miż-żieda ta' annimali bħall-grieden huwa evalwat bħala minimu għaliex ħafna mill-attivitajiet ta' l-impjant ser isiru fil-magħluq. Il-Kummissjoni tħoss li din l-evalwazzjoni hija waħda raġonevoli.

## 4.9 Ħsejjes

Din il-parti ta' l-ES hija dettaljata sew u bbażata fuq supposizzjonijiet li huma ġustifikabbli. Biss jidher ċar li ma sarx studju sew ta' l-impatt fuq ir-residenti ta' l-inħawi mill-ħsejjes matul il-lejl, meta partijiet mill-impjant bilfors iridu jkomplu joperaw, speċjalment fix-xhur tas-sajf meta t-twieqi jinżammu miftuħa. Fl-istess waqt, il-Kummissjoni tifhem li dan l-impatt issa ser ikun ferm inqas minħabba l-proposta l-ġdida.

## 4.10 L-arja

Hekk kif sar fl-ewwel ES (2004) dan ir-rapport jibni l-evalwazzjoni tiegħu fuq il-premessa illi l-kurrenti ta' l-arja fl-inħawi ta' Sant Antnin mhux influwenzati mit-topoloġija tal-wied. Għalhekk l-analiżi tistrieħ biss fuq l-informazzjoni fuq l-irjieħ li nġabret mill-Uffiċċju Meterjoloġiku ta' Malta f'Ħal Luqa. Dan huwa kunċett żbaljat għaliex huwa magħruf sew li d-direzzjoni ta' l-irjieħ, speċjalment dawk fl-istrati t'isfel (jiġifieri li l-aktar jistgħu jġorru magħhom xi rwejjaħ, trabijiet, eċċ) huma nfuwenzati sew mit-topoloġija tal-widien, speċjalment f'post bħal dan li jinsab fuq il-kosta u li għalhekk l-irjieħ huma nfluwenzati bil-kbir anke mill-baħar. Huwa għalhekk li fi studju bħal dan kellhom isiru surveys ħafna aktar dettaljati ta' l-irjieħ u ċ-ċirkolazzjoni ta' l-arja fl-inħawi u kif din tinbidel bil-klima u l-istaġuni. Għalhekk partijiet mill- ES huma rrelevanti għaliex jistrieħu fuq informazzjoni dwar l-irjieħ li mhux bilfors tapplika għal dan il-post.

Per eżempju, teżisti informazzjoni dwar kif rapporti ta' rwejjaħ ħerġin mill-impjant preżenti, hekk kif innutati mir-residenti tal-viċin, jiddependu

fuq l-irjieħ tal-post. Jidher li din l-informazzjoni qatt ma kienet konsultata għall-ES.

Kien ikun ferm aktar xieraq li kieku għal dan it-tieni ES laħqu saru xi studji fuq l-irjieħat f'dawn l-inħawi f'kundizzjonijiet klimatiċi differenti. Dawn l-istudji żgur li ma kienux diffiċli li jsiru u żgur li kien hemm żmien biżżejjed għalihom.

Meta r-rapport jiddentifika min jista' jintlaqat minn xi trabijiet jew irwejjaħ li joħorġu mill-impjant kif propost, ir-Razzett tal-Ħbiberija mhux meqjus bħala reċettur (*receptor*) li jista' jkun sensittiv ħafna. L-ES jasal għal din il-konklużjoni fuq bażi ta' definizzjonjiet li jinstabu f'Linji ta' Gwida internazzjonali ikkwotati mir-rapport. Dan il-post la huwa iddentifikat bħala sptar u lanqas bħala klinika. Għalhekk il-Kummissjoni tistaqsi, f'liema kategorija jaqa' r-Razzett tal-Ħħbiberija? Jew forsi dawn l-istess Linji ta' Gwida sempliċiment ma jqisux tipi ta' postijiet bħal dawn? Mistoqsija li trid tweġiba ċara hija din: hemm xi riskju għas-saħħa ta' kull min jagħmel użu minn dan il-post mit-trabijiet iġġenerati minn dan il-progett? Ir-Rapport jinjora din il-possibiltà. Minbarra dan, hemm 13-il residenza oħra fl-akwati ta' 250 metru il-bogħod mill-impjant propost.

Żvilupp importanti fil-proposti l-ġodda għall-iżvilupp ta' dan l-impjant huwa l-użu ta' teknoloġija addattata sabiex kull tip ta' arja użata fid-diversi proċessi tkun ittrattata. Din it-teknoloġija tikkonsisti f' *Regenerative Thermal Oxidiser* u jekk tkun imħaddma sew, ser isservi sabiex l-impatt ta' rwejjaħ ikun ikkontrollat b'mod sodisfaċenti. Din it-teknoloġija hija ferm aħjar mit-tip ta' *'biofilters'* li jnaddfu l-arja mit-tniġġiż. Ta' min jgħid li wieħed mill-kawżi tal-problemi ta' l-irwejjaħ li kienu joħorġu mill-impjant preżenti fis-snin 90, kienu l-*biofilters* li ma ħadmux kif suppost.

## 4.11 Ħmieġ u l-annimali li jġib miegħu.

Bħal fl-ewwel rapport (ES, 2004) din il-parti ta' l-ES hija superfiċjali fit-trattament ta' din it-tema. Fir-rapport ma jsir l-ebda attentat sabiex

b'mod ġenwin jitkejlu d-diversi riskji. Il-qarrej huwa kontinwament mitlub iserraħ rasu li r-riskji li jistgħu jġibu magħhom insetti, ġrieden, u *"pests"* oħra ser ikunu ikkontrollati kif imiss, u li għalhekk dawn l-istess riskji ma jeżistux! Dan it-tip ta' argument mhux aċċettabli fit-tfassil ta' ES.

Fl-istess waqt, il-Kummissjoni tifhem li dan l-impatt ser ikun ferm iċken minħabba li issa l-impjant ser ikun iżgħar mill-iżvilupp propost fl-ewwel ES.

## 5. Konklużjoni u Rakkomandazzjonijiet

Kif il-Kummissjoni spjegat fl-ewwel OPINJONI li ħarġet dwar l-Istrateġija ta' l-Immaniġġjar ta' l-Iskart Solidu għall-Gżejjer Maltin, ippubblikata fid-29 ta' Lulju 2005, il-problema ta' l-iskart hija riżultat ta' diversi fatturi fosthom id-densita' għolja tal-popolazzjoni, ċ-ċokon ta' dawn il-gżejjer, kif ukoll il-ġabra ta' ċerti għażliet mhux dejjem għaqlin li kemm bħala poplu u kemm bħala awtoritajiet għamilna fil-passat. Kif sa nsolvu din il-problema, hija waħda mill-isfidi ewlenin fl-iżvilupp sostenibbli ta' dawn il-gżejjer. Jekk naqbdux din it-triq, jiddependi mill-għażliet tagħna u mid-deċiżjonijiet li nieħdu fuq kwistjonijiet nażżjonali li jkollhom effett lokali: bħal fuq dan l-impjant ta' Sant Antnin. Dawn id-deċiżjonijiet iridu jittieħdu b'sens ta' għaqal u ta' responsabbiltà.

Quddiem kwistjonijiet ambjenatli irridu ninsew il-pika partiġġjana. Irridu wkoll nqisu li f'dak kollu li nagħmlu nkunu qed inkabbru bejnietna sens ta' fiduċja u mhux sens ta' suspett li xi ħadd qiegħed jirnexxilu tgħaddi tiegħu billi jqarraq b'ħaddieħor. Fil-qasam ta' l-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli (bħal f'oqsma oħra) wasalna f'salib it-toroq. Ma nistgħux nifilħu għal aktar għażliet ħżiena. Hemm wisq x'jista' jintilef għalina u għal uliedna. Il-Kummissjoni ma' tippretendix li l-aħjar għażla hija dik li qed tindika hi u dik biss. Iżda b'sens ta' responsabbiltà tixtieq li b'dak li sa nipproponu jkun ta' għajnuna sabiex kullħadd jasal għall-aħjar għażla fiċ-ċirkustanzi li identifikajna s'issa f'din l-OPINJONI.

## U x'inhuma dawn iċ-ċirkustanzi?

- Li l-impjant ta' Sant Antnin inbena u beda jopera 13-il sena ilu, sabiex jaqdi skop tajjeb, dak li jikkontribbwixxi bis-sħiħ fir-riċiklaġġ ta' skart solidu domestiku li jammonta mat-85,000 tunellata fis-sena. Dan il-bżonn mhux biss għadu jeżisti, iżda kiber.

- Li f'kull stadju ta' l-iddisinjar w l-ippjanar, ix-xogħol ta' kostruzzjoni, u fl-aħħar l-ikkummisjonar tad-diversi faċilitajiet ta' dan l-impjant, tħallew isiru diversi żbalji kemm amministrattivi kif ukoll tekniċi. Kienu dawn l-iżbalji li wasslu sabiex dan l-impjant joħloq inkonvenjent gravi għar-residenti tal-madwar, u li minħabba f'hekk qatt ma laħaq il-livell ta' produzzjoni u l-kwalita' ta' kompost li kienu ippjanati. Dawn ir-residenti tgħallmu mill-esperjenza qarsa tagħhom li hemm baħar jaqsam bejn pjanti u wegħdiet u l-fatti kif jistgħu tirriżultaw meta ma jkunx hemm *accountability* għal xi proġett bħal dan.

- Li fid-dawl taċ-ċirkustanzi preżenti ma jagħmilx sens ekonomiku li twaqqa' dan l-impjant. Iżda għandu jsir minn kollox ħalli dan l-impjant jiġi rranġat kif imiss.

- Li l-proposta tal-WasteServ issa hija li dan l-impjant jiġi rinnovat b'mod li jaqdi ferm aħjar l-iskop li għalih inbena, mingħajr ma jinqabeż l-ammont ta' skart li kellu jkun ipproċessat oriġinarjament.

- Li dan l-impjant ikun parti minn sistema ta' impjanti mifruxa ma' Malta b'mod li l-piż ta' din il-problema tinqasam b'mod ġust.

- Li sfortunatament l-istess proċess ta' kif ġew evalwati l-impatti ta l-iżvilupp propost (kemm l-ES 2004 u anke dak ta' ġunju 2005) seta sar aħjar. Nuqqasijiet bħal dawn jikkumplikaw is-sitwazzjoni u jagħmluha aktar diffiċli li jintlaħaq qbil mibni fuq fiduċja bejn l-awtoritajiet ikkonċernati u ċ-ċittadini li jħossuhom ser jintlaqtu b'dan l-iżvilupp.

- Li minkejja dawn in-nuqqasijiet ta' dan l-ES, fiħ hemm biżżejjed informazzjoni dwar kif ser jinbena u jopera dan l-impjant li jindika

li jekk kollox jimxi skond il-pjanijiet indikati, l-impatti li jista jkollu mhux ser ikunu sinifikanti.

Fl-isfond ta' dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-iżvilupp tal-Impjant ta' Sant Antnin kif inhu propost fil-preżent mill-WasteServ, isir b'dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li jkun hemm garanzija bil-miktub kemm mill-WasteServ u kemm mill-Ministeru li għal dawn l-20 sena li ġejjin ma jkun hemm l-ebda bidla f'dan l-impjant (u ma ssir l-ebda applikazzjoni oħra) li twassal sabiex jinqabeż il-limitu ta' 71,000 tunnellata skart li jkun ipproċessat fis-sena.

2. Li jitwaqqaf Bord Regolatorju għal dan l-impjant li jkun responsabbli sabiex jissorvelja kull stadju ta' l-iddisinjar w ippjanar, ix-xogħol ta' kostruzzjoni, l-ikkummissjonar tad-diversi faċilitajiet ta' dan l-impjant, li jintlaħqu il-miri kollha fiż-żmien stipulat u mbagħad ikompli jissorvelja l-operat ta' dan l-impjant. Dan il-Bord ikun magħmul minn rappreżentanti ta' kull min għandu nteress li dan l-impjant jirnexxi. Fost il-membri fuq dan il-Bord għandu jkun hemm rapreżentanti tal-WasteServ, tal-MEPA, u tal-komunitajiet tar-reġjun. Dan il-Bord:

   - Ifassal parametri ta' kif għandu jopera dan l-impjant kif ukoll jistabbilixxi *thresholds* ambjentali (bħall-ammont ta' ċerti gassijiet fl-arja) li jridu jkunu rispettati f'dan l-operat.

   - Ikollu s-setgħa li jwaqqaf il-ħidma f'dan l-impjant jekk jinqabżu dawn il-parametri. B'hekk tikber ferm aktar *l-accountability* ta' l-operaturi ta' dan l-impjant.

   - Ikollu r-responsabblita' li jżomm liċ-ċittadini tal-lokalitajiet konċernati nformati b'kollox, u b'mod regulari, speċjalment dwar l-operat ta' l-impjant.

3. Meta wieħed iqis il-volum ta' skart li l-ewwel dokument kien qed jitkellem dwaru u l-fatt li l-iżvilupp propost issa sa jkun qed jipproċessa terz biss ta' dan l-ammont jidher ċar li hemm il-ħtieġa ta' impjanti oħra li jipproċessaw l-iskart li ġej minn partijiet oħra

ta' pajjiżna. Għalhekk il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-awtoritajiet konċernati sabiex jibdew il-proċess sabiex ikunu iddentifikati s-siti fejn ser jinbnew l-impjanti l-oħra.

4. F'pajjiż żgħir bħal tagħna, l-għażla ta' sit fejn jimbena impjant għall-ipproċessar ta' l-iskart dejjem ser tikkawża inkonvenjent. Madankollu, pajjiżna ma jistax, biex ma joħloqx dan it-tip ta' inkonvenjent, joħloq inkonvenjent akbar ... bħal dak tal-Magħtab. Sabiex ikun żgurat proċess ġust fl-għażla ta' dawn is-siti, proċess li jkun ħieles minn kull gwadann partiġġan, il-Kummissjoni tipproponi t-twaqqif ta' kumitat magħmul minn esperti fil-qasam kif ukoll rappreżentanti tal-partiti politiċi li jkollu l-inkarigu li jistudja u jagħmel rakkomandazzjonijiet (fi żmien stipulat) dwar proposti għall-identifikazzjoni ta' siti ideali.

Il-Kummissjoni temmen li b'dawn il-kundizzjonijiet inkunu issodisfajna l-bżonn ta' faċilitajiet adekwati għall-ipproċessar ta' l-iskart, kif ukoll inkunu bdejna it-triq sabiex innisslu sens ferm akbar ta' *accountability* fl-operaturi ta' dawn l-impjanti.. Kif qalet fl-ewwel OPINJONI fuq dan is-suġġett, il-Kummissjoni temmen li l-effiċjenza ta' kull mezz teknoloġiku wżat fl-immaniġġjar ta' l-iskart, fl-aħħar mill-aħħar tiddependi biss minn kemm l-operaturi jkunu lesti jerfgħu r-responsabbiltà ta' xogħolhom li jħaddmu l-impjant kif suppost. Il-Kummissjoni hi ta' l-opinjoni li l-fiduċja tal-poplu f'dan is-sens ta' responsabbiltà (*accountability*) tinbena bil-mod u biż-żmien u trid tkun riżultat ta' esperjenzi pożittivi ta' kif l-awtoritajiet ċentrali u lokali jġorru il-piż ta' din ir-responsabbiltà u tal-mod kif jaqdu dmirhom lejn is-soċjetà.

---

[1] F'dan id-dokument, kull fejn tissemma' "l-Istrateġija" tkun qed issir referenza għal: Ministry for the Environment (2001) *A Solid Waste Management Strategy for the Maltese Islands*. Office of the Director General, Works Division, Malta: Floriana.

[2] Wasteserv Malta Ltd. (2005) *Re-development of Exosting Waste Facility at Sant'Antnin, Malta. Environmental Statement.* June 2005

[3] Ministry for the Environment (2001) *A Solid Waste Management Strategy for the Maltese Islands*. Office of the Director General, Works Division, Malta: Floriana

Il-Kummissjoni temmen li r-rakkomandazzjonijiet li qed tagħmel jistgħu jikkontribwixxu sew lejn din d-direzzjoni. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jkunu attwati jekk kullħadd juri sens ta' kuraġġ u ta' impenn ġdid ta' kif isiru l-affarijiet, il-bogħod minn interessi partiġġjani. B'hekk inkunu qed ngħinu sabiex jinbeda dan il-proċess ta' tnissil ta' fiduċja bejnietna li hi tant meħtieġa jekk sa nagħmlu l-għażliet it-tajba fil-qasam ta' l-ambjent.

**2 ta' Settembru 2005**

## L-ARĊISQOF F'SINODU TA' L-ISQFIJIET DWAR L-EWKARISTIJA

Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca se jmur Ruma (is-Sibt, l-1 ta' Ottubru 2005) biex jieħu sehem f'Sinodu ta' l-Isqfijiet li se jiftaħ il-Ħadd, 2 ta' Ottubru 2005 u li se jkun dwar "L-Ewkaristija: Għajn u Quċċata tal-Ħajja u l-Missjoni tal-Knisja". (*The Eucharist: Source and Summit of the Life and Mission of the Church"*.

Bi tħejjija għas-Sinodu, li jibqa' sejjer sat-23 ta' Ottubru 2005, il-Konferenzi Episkopali ta' l-Isqfijiet irċievew dokument b'għadd ta' mistoqsijiet. It-tweġibiet tal-Konferenzi Episkopali għenu lill-organizzaturi biex iħejju d-dokument li se jservi bħala l-aġenda ta' l-assemblea sinodali, magħruf bħala *Instrumentum Laboris*. Il-Konferenza ta' l-Isqfijiet Maltin bagħtet il-kummenti tagħha wkoll.

Is-Sinodu ta' l-Isqfijiet huwa istituzzjoni permanenti li tnediet mill-Papa Pawlu VI fl-1965 bi tweġiba għax-xewqa tal-Konċilju Vatikan II li jinżamm ħaj l-ispirtu pożittiv imnissel mill-esperjenza tal-Konċilju. B'kollox, s'issa saru 10 Sinodi simili. L-aħħar wieħed sar fl-2001.

Ta' Ottubru 2005 se tkun il-Ħdax-il Assemblea Ġenerali Ordinarja ta' l-Isqfijiet. Hija se tkun l-ewwel waħda li se jippresiedi l-Papa Benedittu XVI.

Il-kelma "sinodu", li hija ġejja minn żewġ kelmiet Griegi, 'syn" li tfisser "flimkien" u "hodos" li tfisser "triq", għandha s-sinjifikat ta' "miġburin flimkien".

Fiż-żmien li Mons. Arċisqof Mercieca se jkun Ruma għas-Sinodu, id-dmirijiet ta' Arċisqof ta' Malta se jkunu f'idejn Mons. Isqof Annetto Depasquale.

**30 ta' Settembru 2005**

---

## IT-TWETTIQ TAL-PJAN PASTORALI 2005-2006 HANDOUT GĦALL-MEDIA - RAPPORT 2005

---

1. Fil-bidu ta' Jannar ta' din is-sena, f'Konferenza Stampa, ippreżentajna l-Pjan Pastorali ta' l-Arċidjoċesi għas-sentejn 2005-2006 bit-titlu *Nimxu Flimkien fid-Dawl tal-Mulej*. Dan hu Pjan li juri b'liema mod il-Knisja f'Malta trid tqiegħed fil-prattika d-dokumenti tas-Sinodu Djoċesan.

2. Qed nippreżentaw il-lum ir-rapport tat-twettiq tal-Pjan Pastorali matul 2005. Dan ir-rapport iwieġeb għad-domanda: x'sar mill-Pjan ta' l-Arċidjoċesi? Iwieġeb għal din id-domanda paragrafu paragrafu. Jagħti sodisfazzjon ta' dak li sar jew qed isir bħalissa jew li hu ppjanat li jsir matul it-tieni sena tal-Pjan.

3. Fl-istess waqt li jagħmel dan, dan ir-rapport qed juri kemm il-Knisja f'Malta qed tieħu bis-serjeta' dak li ħareġ mis-Sinodu, u qed issir ħafna ħidma biex dan jitqiegħed fil-prattika. Iwieġeb għad-domanda: is-Sinodu x'sar minnu?

## Assemblea Djoċesana

4. Dan ir-rapport se jkun diskuss il-lejla u għada filgħodu, 30 ta' Settembru u l-1 ta' Ottubru 2005, fl-Assemblea Djoċesana tal-Knisja f'Malta. Din l-Assemblea, ippresjeduta mill-Arċisqof, hi wkoll riżultat tas-Sinodu, li ried li kull sena jkun hemm Assemblea li tagħmel valutazzjoni tas-sena ta' qabel u tħares 'il quddiem lejn is-sena ta' wara.

5. L-Assemblea Djoċesana tkompli l-istess spirtu tas-Sinodu, billi tkun esperjenza ta' informazzjoni, parteċipazzjoni mifruxa, *accountability*, valutazzjoni u programmazzjoni; u fuq kollox esperjenza ta' Knisja li tkun miftuħa għall-Ispirtu ta' Alla u twieġeb għas-sinjali tiegħu fl-istorja.

6. Bħalma qed isir fuq bażi djoċesana, se jsir ukoll f'kull parroċċa matul Ottubru u Novembru. Kull parroċċa se torganizza Assemblea Parrokkjali, miftuħa għal kull min jgħix fil-parroċċa, biex tiddiskuti bl-istess spirtu dak li sar matul is-sena mill-Pjan tal-Parroċċa, u dak li hu meħtieġ li jsir is-sena d-dieħla.

## Proġetti mwettqa matul 2005

7. Dawn huma xi wħud mill-proġetti tal-Pjan Pastorali li twettqu jew qed jitwettqu bħalissa matul din is-sena:

- It-twaqqif ta' l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali, bl-iskop li jikkoordina l-ħidma ta' formazzjoni li ssir mill-Arċidjoċesi mifruxa fuq diversi oqsma. Id-direttur ta' dan l-Istitut hu Fr Fabio Attard SDB. L-uffiċċji huma fl-Istitut Kattoliku. Id-dettalji dwar dan l-Istitut ġdid fi ħdan il-Knisja f'Malta se jingħataw f'Konferenza Stampa apposta fil-ġejjieni qrib.

- Għal titjib fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa tal-Ħadd, ittieħdu żewġ inizjattivi partikulari fid-djoċesi. Waħda, seminar

għas-saċerdoti dwar l-omelija u *follow-up* tiegħu; u oħra, korsijiet mifruxa fl-unitajiet pastorali għall-animaturi tal-quddiesa.

- Se jsir ukoll ċensiment tal-quddies din is-sena, bl-iskop li jservi għal indikazzjonijiet pastorali għall-Knisja f'Malta.

- F'diversi parroċċi, ittieħdu wkoll inizjattivi ġodda fejn tidħol l-animazzjoni tal-fidi, l-aktar bi Proġett Djoċesan għall-katekeżi ta' l-adulti; kif ukoll, esperjenzi ta' talb fi gruppi u diversi ġimgħat ta' tagħlim.

- Fejn tidħol il-familja, sar tisħiħ kemm fil-korsijiet li jsiru bi tħejjija għaż-żwieġ, kif ukoll fl-attenzjoni lill-familji fil-parroċċi, speċjalment familji ġodda, u fil-ħidma għal dawk li għaddejjin minn diffikultajiet - eż. twaqqfu numru ta' *support groups* għall-persuni separati. Qed issir ukoll ħidma għal twaqqif jew tisħiħ tal-Kummissjonijiet Familja fil-parroċċi.

- L-adolexxenti u ż-żgħażagħ ingħataw importanza kbira, b'għadd ta' inizjattivi pastorali mmirati lejn il-parteċipazzjoni tagħhom aktar qawwija fil-ħajja tal-Knisja u fil-formazzjoni għall-ħajja. Se jibda f'Ottubru kors għall-*Youth Ministry*, li għalih se jattendu għadd ta' żgħażagħ li 'l quddiem jgħinu fit-tmexxija ta' gruppi ta' żgħażagħ. Qed isiru wkoll korsijiet għal-*leaders* tal-gruppi ta' żgħażagħ fil-parroċċi, u tisħiħ tal-quddies animat miż-żgħażagħ għaż-żgħażagħ.

- Issaħħet ħafna l-ideja li ħarġet mis-Sinodu li jitwaqqfu unitajiet pastorali fejn gruppi ta' parroċċi jieħdu inizjattiva flimkien.

- Din is-sena twaqqfet il-Kummissjoni Kultura bil-għan li ġġib 'il quddiem kultura ta' ispirazzjoni nisranija bi djalogu max-xejriet kulturali ta' żmienna.

- Il-Kummissjoni Ambjent, li twaqqfet b'riżultat tas-Sinodu, kompliet tagħti l-kontribut sfiq tagħha għall-ħarsien ta' l-ambjent, b'opinjonijiet meqjusa fuq *issues* partikulari u b'inizjattivi għall-edukazzjoni ambjentali.

- Ingħata bidu għal proġett ta' rivista waħda għall-parroċċi, bl-isem ta' *Flimkien*, li titqassam f'85,000 dar f'Malta.

- Saret ħidma mifruxa ta' qadi u solidarjeta' b'attenzjoni partikulari lill-emarġinati. Diversi kongregazzjonijiet qed joffru s-servizzi tagħhom għal dawk l-aktar batuti. Ir-rapport jinkludi l-ħidma li l-Knisja għamlet b'għajnuna għall-immigranti f'pajjiżna, u għall-ħarsien tad-dinjita' tagħhom – ħidma kemm fl-abitazzjoni ta' numru minnhom kif ukoll f'għajnuna professjonali, u b'inizjattivi biex tinħoloq kuxjenza dwarhom.

## L-implimentazzjoni hi realta'

8. Dawn huma biss uħud mill-ħidmiet li saru biex jitwettaq il-Pjan Pastorali 2005-2006. Ir-rapport jagħti ħafna aktar informazzjoni, u jagħmel stedina biex min irid, jistaqsi u jikseb aktar informazzjoni. Ir-rapport juri Knisja li, f'diversi oqsma tagħha, qed tieħu azzjoni pożittiva dejjem iżjed b'saħħitha u mifruxa għall-ġid tal-bniedem u tas-soċjeta' Maltija.

9. Id-dokumenti li ħarġu mis-Sinodu Djoċesan, li kienu frott ta' esperjenza qawwija tal-Knisja f'Malta, qed jiġu tradotti fir-realta'. L-implimentazzjoni mhijiex biss xewqa imma realta'. Ir-rapport ippreżentat juri dan.

10. Id-dokumenti tas-Sinodu, minbarra proġetti partikulari biex jitwettqu, jipprovdu wkoll gwida għall-Knisja u jesprimu b'mod ċar il-*policy* tagħha f'diversi oqsma. Iwieġbu għad-domanda "għaliex il-Knisja ma titkellimx?", u juru kif fil-fatt fuq ħafna *issues* tkun ilha li esprimiet ruħha b'mod ċar. Qed issir stedina lin-nies kollha

tal-*media* biex jaqraw dawn id-dokumenti – li qegħdin ukoll kollha fil-*website* ta' l-Arċidjoċesi (*www.maltachurch.org.mt*) u tas-Sinodu (*www.sinodu.org.mt*).

**Kummissjoni Implimentazzjoni**
**Sinodu Djoċesan**
**30 ta' Settembru 2005**

LIBRERIJA PUBBLIKA
TAL-KATIDRAL
TRIQ QASAM SAN GORG
VICTORIA GOZO
TEL. 21560479

**(ikompli mill-qoxra ta' barra)**


Festa ta' Santa Marija f'Ħal Għaxaq ........ 474
Ordinazzjoni ta' 9 saċerdoti u reliġjużi ġodda ........ 475
L-Arċisqof jiltaqa' mal-Missjunarji Maltin ........ 476
Żjara ta' l-Arċisqof f'Ruma ........ 477
Opinjoni tal-Kummissjoni Ambjent dwar l-immaniġġjar ta' l-iskart ........ 478
L-Arċisqof f'Pellegrinaġġ mal-morda f'Lourdes ........ 492
Tifkira tal-mewt tal-Qaddej ta' Alla, l-Isqof Emanuel Galea ........ 493
Opinjoni tal-Kummissjoni Ambjent dwar
it-Tieni Proposta għall-iżvilupp fl-impjant ta' Sant'Antnin
għat-trattament ta' skart solidu ........ 494
L-Arċisqof f'Sinodu ta' l-Isqfijiet dwar l-Ewkarestija ........ 511
Rapport dwar it-Twettiq tal-Pjan Pastorali 2005-2006 –
Handout għall-Media ........ 512

# WERREJ

## DOKUMENTI MILL-KNISJA UNIVERSALI


Meeting between President Barroso and Religious Leaders .......... 401
COMECE: Statement upon the death of Brother Roger Shutz, founder of the Taize' Community .......... 403
Cordoglio del Santo Padre per l'uccisione di Frere Roger Shutz .......... 405
La Vita Consacrata alla scuola dell'Eucarestia - Riflessione di S.E.Mons. Franc Rode', Prefetto della Congregazione per gli Istituti di Vita Consacrata e le Societa' di Vita Apostolica .......... 406
Jum Dinji tat-Turiżmu : Messaġġ tal-Kard. Sodano f'isem il-Papa .......... 423
L-20 Ġurnata Mondjali taż-Żgħażagħ - Cologne 2005 Presentation – Pontifical Council for the Laity .......... 425
Message of Pope John Paul II to the Youth on the occasion of the 20th World Youth Day .......... 426
Homily of Cardinal Joachim Meisner, Archbishop of Cologne on the opening of the World Youth Day 2005 .......... 431
"Indirizzo d'Omaggio" rivolto a Sua Santita' Benedetto XVI dal Card. Karl Lehman, Vescovo di Mainz e Presidente della Conferenza Episcopale della Germania .......... 435
Eucharistic Celebration:
Homily of His Holiness Benedict XVI .......... 437
Message of His Holiness Pope Benedict XVI during the Angelus .......... 444
"Indirizzo d'Omaggio" rivolto a Sua Santita' Benedetto XVI dal Card. Karl Lehman, Vescovo di Mainz e Presidente della Conferenza Episcopale della Germania, al termine della visita del Santo Padre .......... 445


## DOKUMENTI MILL-KURJA


Stqarrija ta' l-Isqfijiet : il-Ħarsien tal-Ħajja .......... 450
Jum il-Pulizija : Messaġġ ta' Monsinjur Arċisqof .......... 453
Ittra Pastorali ta' Santa Marija "L-Ulied huma l-aqwa ġid" .......... 456
Monsinjur Arċisqof f'Jum L-Indipendenza: "Id-dinjita' u l-integrita' tal-ħajja umana" .......... 461
31 Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni ta' Monsinjur Arċisqof : Omelija .......... 465
Ċirkolari 480 : Ġabra favur l-Art Imqaddsa .......... 470
Ċirkolari 481 : 31 Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Episkopali ta' Monsinjur Arċisqof .......... 471
Ċirkolari 482 : Talb fl-okkażjoni tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet u tal-Jum Dinji tal-Hospice u tal-Kura Palljattiva .......... 472


## STQARRIJIET OĦRA MILL-KURJA


L-Ewwel Tqarbina u Griżma ta' l-Isqof għall-Migranti .......... 473
Laqgħa ta' l-Arċisqof mal-Missjunarji Maltin .......... 474


(ikompli fil-qoxra ta' ġewwa)